REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 471/2014

tat-13 ta' Mejju 2014

li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Bidu

(1) Fis-27 ta' April 2013, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret il-bidu ta' proċediment antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ" jew "iċ-Ċina") permezz ta' avviż ippubblikat f'il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (in-Notifika ta' Bidu) ([2]).

(2) Il-proċediment infetaħ mill-Kummissjoni wara lment imressaq fl-14 ta' Marzu 2013 minn EU ProSun Glass (l-ilmentatur) f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-ħġieġ solari tal-Unjoni. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' sussidjar tal-ħġieġ solari u ta' dannu materjali li jirriżulta minnu, li l-Kummissjoni qieset li hija suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 (ir-Regolament bażiku), il-Kummissjoni għarrfet lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-GTĊ") qabel il-bidu tal-proċediment li kienet irċeviet ilment dokumentat kif suppost li jallega li importazzjonijiet sussidjati ta' ħġieġ solari li joriġina fir-RPĊ kienu qed jikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-GTĊ għal konsultazzjonijiet bl-għan li tiġi ċċarata l-qagħda rigward il-kontenut tal-ilment u biex tinstab soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

(4) Il-GTĊ aċċetta l-offerta ta' konsultazzjonijiet li saru sussegwentement. Matul il-konsultazzjonijiet, ma ntlaħqet l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet nota tal-kummenti li saru mill-GTĊ dwar l-iskemi elenkati fl-ilment. Wara l-konsultazzjonijiet, waslu sottomissjonijiet mill-GTĊ.

2. Il-proċediment parallel ta' antidumping

(5) Fit-28 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ħġieġ solari li joriġina fir-RPĊ permezz ta' notifika ppubblikata f'il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(6) Fis-27 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni imponiet dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina fir-RPĊ permezz tar-Regolament (UE) Nru 1205/2013 ([4]).

(7) L-analiżijiet tad-dannu li saru f'din l-investigazzjoni antisussidji u l-investigazzjoni parallela antidumping huma bbażati fuq l-istess definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-istess produtturi rappreżentanti tal-Unjoni u l-istess perjodu ta' investigazzjoni u wasslu għal konklużjonijiet identiċi sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Dan tqies xieraq sabiex tiġi simplifikata l-analiżi tad-dannu u sabiex jinkisbu sejbiet konsistenti fiż-żewġ proċedimenti. Għal din ir-raġuni, il-kummenti dwar l-aspetti tad-dannu mressqa f'kull wieħed minn dawn il-proċedimenti ttieħdu inkunsiderazzjoni fiż-żewġ proċedimenti.

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([2]) ĠU C 122, 27.4.2013, p. 24.
([3]) ĠU C 58, 28.2.2013, p. 6 u ġiet ippubblikata rettifika fil-ĠU C 94, 3.4.2013, p. 11.
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 8).

3. **Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment**

(8) Il-Kummissjoni uffiċjalment għarrfet lill-ilmentaturi, lill-produtturi l-oħra magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, lill-importaturi, lill-fornituri, lid-distributuri, lill-utenti, u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati, u lill-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-bidu tal-investigazzjoni. In-Notifika ta' Bidu stiednet lill-partijiet kollha kkonċernati mill-investigazzjoni biex jikkuntattjaw lill-Kummissjoni u jippreżentaw ruħhom.

(9) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jispjegaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifika ta' Bidu.

(10) L-ilmentaturi, il-produtturi esportaturi fir-RPĊ, l-importaturi u l-awtoritajiet tar-RPĊ taw il-fehmiet tagħhom. Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

3.1. *Kampjunar*

(11) Il-Kummissjoni ħabbret fin-Notifika ta' Bidu li hi għandha mnejn tnaqqas għal numru raġonevoli l-għadd ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ, ta' importaturi mhux relatati, u ta' produtturi tal-Unjoni li jkunu investigati billi jintagħżel kampjun skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

3.2. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(12) Il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' ħames kumpaniji mit-tmien produtturi li ppreżentaw ruħhom fuq il-bażi tal-akbar volum ta' bejgħ rappreżentattiv tal-prodott simili matul il-perjodu ta' investigazzjoni (PI).

(13) Wara ż-żjajjar ta' verifika, il-Kummissjoni ddeċidiet li tneħħi wieħed mill-ħames kumpaniji fil-kampjun, peress li din il-kumpanija nstabet li ma kienx rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni, billi kienet l-unika waħda mit-tmien produtturi li ppreżentaw ruħhom li kienet f'fażi ta' bidu. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset ir-riskju li f'każ tal-inklużjoni tagħha, l-indikaturi tal-ħsara, b'mod partikolari il-profittabilità, setgħu ma jagħtux rappreżentazzjoni ġusta tal-istat tal-industrija tal-Unjoni.

(14) Konsegwentement, il-kampjun finali kien jikkonsisti minn erba' produtturi tal-Unjoni. Il-produzzjoni tagħhom kienet tkopri 79 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-PI. Għaldaqstant il-kampjun tqies li huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(15) Tlieta mis-seba' produtturi tal-Unjoni talbu, fuq il-bażi tal-Artikolu 29 tar-Regolament bażiku, li l-identitatjiet tagħhom jibqgħu kunfidenzjali. Huma sostnew li l-iżvelar tal-identità tagħhom jista' jwassal għal riskju ta' effetti negattivi sinifikanti fuq l-attivitajiet kummerċjali tagħhom. Il-Kummissjoni eżaminat ir-raġunijiet ippreżentati u aċċettati it-talba tagħhom. Minħabba n-numru limitat ta' produtturi fl-Unjoni, l-ebda ismijiet oħra ma kienu żvelati fid-dokument ta' żvelar ġenerali, peress li dan ikun jippermetti l-identifikazzjoni tal-kumpaniji li talbet li tibqa' anonima.

(16) L-identità tal-kumpanija Interfloat Corporation/GMB Glasmanufaktur Brandenburg GmbH (GMB/IF) hija, madankollu, diġà magħrufa pubblikament billi ddikjarat li hija waħda mill-kumpaniji li tappoġġa l-ilment. Il-kumpanija kienet għalhekk imsemmija fid-dokument ta' żvelar ġenerali.

(17) Barra minn hekk, fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom dwar l-iżvelar l-ilmentatur semma tliet produtturi tal-Unjoni li ma kinux għadhom fin-negozju (Guardian, AGC u Centrosolar Glass)), u r-raba' kumpanija li kienet naqqset b'mod sinifikanti l-produzzjoni (Saint Gobain).

3.3. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(18) In-Notifika ta' Bidu talbet lill-prodotturi esportaturi kollha fir-RPĊ jidentifikaw ruħhom mal-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu f'perjodu ta' żmien stabbilit.

(19) Għaxar produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Il-kumpaniji li kkooperaw koprew kważi 100 % tal-esportazzjonijiet irrappurtati ta' ħġieġ solari lejn l-Unjoni matul l-2012.

(20) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' erba' produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi bbażati fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, li seta' jkun investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-kampjun magħżul ammonta għal 76 % tal-volum totali ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(21) Skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-kampjun magħżul u kienu mistiedna jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.

3.4. *Eżami individwali*

(22) L-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma talab eżami individwali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku.

3.5. *Il-kampjunar tal-importaturi u tal-utenti mhux relatati*

(23) Erba' importaturi mhux relatati wieġbu għall-formola ta' kampjunar mehmuża man-Notifika ta' Bidu, filwaqt li żewġ importaturi u 12-il utent wieġbu għall-kwestjonarju. Fid-dawl tan-numru limitat ta' importaturi li kkooperaw, il-kampjunar ma tqisx li huwa neċessarju.

4. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(24) Intbagħtu kwestjonarji lill-GTĊ u lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-importaturi kollha li kienu ppreżentaw ruħhom, u lill-utenti kollha li kienu ppreżentaw ruħhom. Intbagħat ukoll Appendiċi lill-GTĊ flimkien mal-kwestjonarju mibgħut lilu u ntalab jibagħtu lill-banek kummerċjali tal-Istat ("SOCBs") (state-owned commercial banks) fir-RPĊ li kienu selfu l-fondi lill-kumpaniji fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-GTĊ sostna li kien bagħat l-Appendiċi lill-banek ikkonċernati iżda li ma kien irċeva l-ebda tweġiba.

(25) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand erba' produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun, mill-produtturi kollha tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun, mingħand żewġ importaturi tal-Unjoni mhux relatati u mingħand 12-il utent.

(26) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-partijiet interessati li titqies bħala meħtieġa għad-determinazzjoni definittiva ta' sussidjar, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika twettqu kif ġej:

(a) Produtturi esportaturi fir-RPĊ:

— Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd; Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd ("Flat Solar Group")

— Henan Yuhua Photovoltaic New Material Co., Ltd

— Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd ("Xinyi PV")

(b) Il-Gvern tar-RPĊ:

— Il-Ministeru tal-Kummerċ,Beijing

— China Banking Regulatory Commission (il-Kummissjoni Regolatorja Bankarja taċ-Ċina), Beijing

(c) Produtturi tal-Unjoni

— GMB/IF, il-Ġermanja

— (Kunfidenzjali)

— (Kunfidenzjali)

— (Kunfidenzjali)

— (Kunfidenzjali)

(d) Importaturi mhux relatati

— Vetrad NV, il-Pajjiżi l-Baxxi

(e) L-utenti

— Sunerg Solar SRL, l-Italja

— Viessmann Faulquemont SAS, Franza

(27) Il-partijiet interessati rċevew dokument ta' żvelar li kien fih il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni pproponiet li timponi dazji kumpensatorji fuq ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar l-iskadenza li qabilha setgħu jikkummentaw dwar dan l-iżvelar.

(28) Il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu, fejn kienu xierqa.

(29) Il-Gvern taċ-Ċina (il-GTĊ) allega li dan id-dokument ta' żvelar ma kienx jissodisfa l-istandards stabbiliti fl-Artikoli 22.3 u 22.5 tal-ASCM peress li ma kienx stabbilixxa f'dettall biżżejjed is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awtorità tal-investigazzjoni. Madankollu, il-GTĊ ma pprovda l-ebda eżempju konkret ta' dan l-allegat nuqqas. Wara li rrevediet id-dokument bir-reqqa l-Kummissjoni tqis li d-dokument jinkludi informazzjoni biżżejjed biex il-GTĊ jeżerċita d-drittijiet ta' difiża tiegħu.

(30) Ċerta informazzjoni ma setgħetx tiġi pprovduta fl-iżvelar billi kienet informazzjoni kunfidenzjali, u din ġiet żvelata biss lill-produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun ikkonċernati. Kienet intbagħat dokument speċifiku u kunfidenzjali ta' żvelar lill-produtturi esportaturi fil-kampjun li ta l-kalkoli u l-informazzjoni dwar kull skema u benefiċċju kkumpensat, u dawn ingħataw 25 jum biex jikkummentaw.

5. **Il-perjodu ta' investigazzjoni**

(31) L-investigazzjoni tas-sussidjar u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ("perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

1. **Il-prodott ikkonċernat**

(32) Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa ħġieġ solari magħmul minn ħġieġ ċatt ittemprat bil-ġir tas-soda, b'kontenut tal-ħadid ta' anqas minn 300 ppm, trażmittanza solari ta' aktar minn 88 % (mkejla skont l-AM1,5 300-2 500 nm), reżistenza għas-shana sa 250 °C (mkejla skont l-EN 12150), reżistenza għal xokkijiet termali ta' Δ 150 K (mkejla skont l-EN 12150) u li għandu saħħa mekkanika ta' 90 N/mm^2 jew aktar (mkejla skont l-EN 1288-3) ("il-prodott ikkonċernat", komunement imsejjaħ "ħġieġ solari") Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' fil-kodiċi NM ex 7007 19 80.

2. **Il-prodott simili**

(33) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-RPĊ, u l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni huma simili fil-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, u fl-użi tagħhom. Għalhekk, jitqiesu li dawn huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

3. **Id-definizzjoni tal-prodott**

(34) Importatur mhux relatat talab l-esklużjoni ta' ħġieġ ortikulturali għall-kostruzzjoni ta' serer mill-ambitu tal-investigazzjoni, bl-argument li konstruzzjoni bħal din tirrikjedi ħafna folji ta' ħġieġ ta' daqs differenti filwaqt li l-ħġieġ solari jiġi prodott biss f'ċerti daqsijiet fissi. L-importatur ipprovda wkoll ċertifikat li juri li parti mill-importazzjonijiet tiegħu tinkludi ħġieġ b'kontenut ta' ħadid ogħla minn 300 ppm. Għalhekk, dawn l-importazzjonijiet huma barra l-ambitu tal-prodott. Rigward il-kumplament tal-importazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tqis li, minkejja d-differenza fid-daqs, dawn il-folji tal-ħġieġ jistgħu jintużaw ukoll bħala ħġieġ solari. Pereżempju, sabiex jiġi evitat id-dazju, l-importaturi jistgħu jordnaw folji tal-ħġieġ akbar milli jeħtieġu u mbagħad jaqtgħu dan il-ħġieġ fl-Unjoni biss. Għalhekk, il-ħġieġ ortikulturali b'kontenut ta' ħadid iktar baxx minn 300 ppm huwa parti mill-prodott ikkonċernat.

(35) Importatur ieħor mhux relatat sostna li l-ħġieġ tal-għamara li jimporta hu (użat għal xkafef tal-ħġieġ, mili bejn il-pannelli, uċuħ tal-imwejjed, pannelli ta' bibien li jiżżerżqu, prodotti ta' pannelli li jservu bħala wċuħ, eċċ.) għandu l-istess karatteristiċi tekniċi, jew simili ħafna, bħall-ħġieġ solari iżda talab li jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni peress li għandu użu aħħari differenti.

(36) Madankollu, fuq il-bażi tal-evidenza pprovduta, jidher li l-biċċa l-kbira tal-ħġieġ li jimporta ma jikkondividix il-karatteristiċi tekniċi kollha tal-ħġieġ solari kif deskritt hawn fuq. B'mod partikolari, sitt tipi ta' ħġieġ importat għandhom kontenut ta' ħadid ħafna ogħla minn 300 ppm, filwaqt li tip wieħed ta' ħġieġ importat għandu kontenut ta' ħadid inqas minn 300 ppm iżda t-trażmittanza solari tiegħu hija ferm inqas mill-minimu ta' 88 % li huwa meħtieġ biex jiġi definit bħala ħġieġ solari.

(37) L-importatur argumenta li għalkemm dawk it-tipi ta' ħġieġ ma jissodisfawx waħda mill-karatteristiċi tekniċi tal-ħġieġ solari kif deskritt hawn fuq, huma jikkonformaw mal-klassifikazzjoni primarja għal ħġieġ solari, jiġifieri "soda-lime-flat-glass ittemprat". Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawk it-tipi ta' ħġieġ li jissodisfaw il-karatteristiċi tekniċi kollha tal-ħġieġ solari biss jaqgħu fl-ambitu tal-investigazzjoni. Konsegwentement, it-tipi kollha ta' ħġieġ imsemmijin hawn fuq u importati minn dan l-importatur partikolari jaqgħu barra l-ambitu tal-investigazzjoni.

(38) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, għandu jkun ċar li kull tip ta' ħġieġ ortikulturali u ħġieġ tal-għamara li jissodisfa l-karatteristiċi tekniċi stabbiliti fil-premessa 32 jibqa' fl-ambitu tal-prodott ikkonċernat billi dan jista' jintuża bħala ħġieġ solari.

(39) Wara l-iżvelar, l-istess importatur sostna li peress li l-ħġieġ solari li jista' wkoll jintuża bħala ħġieġ tal-għamara ma kienx eskluż mill-ambitu, dan jirriżulta f'piż amministrattiv u dewmien għall-kumpaniji. Dan huwa allegatament ikkawżat mill-fatt li l-kumpaniji huma mitluba jibagħtu rapporti tat-testijiet lill-Awtoritajiet Doganali fl-Unjoni kull darba li l-Awtoritajiet Doganali jistaqsu jekk il-prodotti li qed jiġu importati humiex soġġetti għall-miżuri.

(40) Il-Kummissjoni tqis li dawk it-tipi ta' ħġieġ ma għandhomx jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni, għax il-ħġieġ solari jista' potenzjalment ikollu użu ortikulturali kif ukoll għall-għamara. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni adegwata tal-industrija tal-Unjoni kontra l-effett ta' ħsara tas-sussidji li huma kkumpensati, il-lakuni li jistgħu jippermettu l-evażjoni għandhom jiġu evitati. L-effett pożittiv ta' protezzjoni adegwata jissupera l-effett negattiv tal-piż amministrattiv addizzjonali li forsi huwa mġarrab mill-importatur ikkonċernat.

(41) L-istess importatur argumenta wkoll li l-ħġieġ float għandu jiġi eskluż mill-ambitu tal-prodott billi għandu proċess ta' produzzjoni differenti minn ħġieġ mibrum li l-importatur jipperċepixxi bħala l-uniku tip ta' ħġieġ solari. L-importatur qal li l-prodotti għad-dar magħmula mill-ħġieġ float ma jistgħux jintużaw bħala ħġieġ solari u għalhekk għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni. Madankollu, il-ħġieġ float ma jistax jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni billi huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi kollha stabbiliti hawn fuq. Dokumenti konfidenzjali pprovduti mill-partijiet interessati matul l-investigazzjoni wrew li l-ħġieġ float jista' jintuża bħala ħġieġ solari u huwa prodott kemm mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll mill-esportaturi Ċiniżi. Dan huwa kkonfermat minn informazzjoni disponibbli pubblikament fuq l-Internet ([1]). Ħġieġ float għalhekk jibqa' fl-ambitu tal-investigazzjoni.

C. **SUSSIDJU**

1. **Introduzzjoni**

(42) L-ilmentatur allega li r-RPĊ qed tissussidja l-industrija tal-ħġieġ solari tagħha. L-ilment fih evidenza *prima facie* għal diversi prattiki ta' sussidju inklużi kemm fil-leġiżlazzjoni kif ukoll f'numru ta' dokumenti politiki u tal-ippjanar li huma l-bażi għall-appoġġ mill-Istat tas-settur.

(43) Il-Kummissjoni rrevediet u analizzat id-dokumenti msemmija fl-ilment kif ukoll dokumenti addizzjonali sottomessi mill-GTĊ u l-produtturi esportaturi fil-kampjun matul l-investigazzjoni u sabet li ħafna minnhom juru li l-industrija tal-ħġieġ solari fir-RPĊ tirċievi trattament preferenzjali f'bosta oqsma.

(44) Il-GTĊ jinkludi l-industrija tal-ħġieġ solari fost l-industriji "prinċipali" fit-12-il Pjan ta' Ħames Snin ([2]). Il-GTĊ ħareġ ukoll dokument ta' politika speċifika, *"It-12-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Industrija Fotovoltajka Solari"* li jistabbilixxi l-ħġieġ bħala materjal anċillari ta' punt fokali ewlieni fl-industrija fotovoltajka ("PV") li għaliha l-produzzjoni domestika tkun meħtieġa. Il-Pjan jeħtieġ li l-gvern jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija u l-innovazzjoni teknoloġika u jattira l-fondi lejn l-industrija.

(45) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta ċ-ċitazzjoni tal-Kummissjoni tat-12-il Pjan ta' Ħames Snin fil-kuntest tal-ħġieġ solari. Dan ma ntlaqax billi l-pjan isemmi speċifikament il-ħġieġ solari, fil-Kapitolu 9, il-kolonna 6, fir-rigward ta' "Oqsma ewlenin fl-iżvilupp tal-manifattura". It-12-il Pjan ta' Ħames Snin jistabbilixxi b'mod ċar il-prijoritajiet tal-GTĊ għall-perjodu li jkopri, u waħda minn dawk il-prijoritajiet hija l-manifattura tal-ħġieġ solari.

(46) Wara l-iżvelar il-GTĊ sfida l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tat-"12-il Pjan ta' Ħames Snin" għall-Industrija Fotovoltajka Solari, filwaqt li ddikjara li ma jappoġġax il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu din l-isfida ma ntlaqgħetx, peress li tikkontradixxi b'mod ċar l-informazzjoni li waslet mingħand dipartimenti oħra tal-GTĊ. Matul iż-żjara lill-GTĊ, il-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informatika ("MIIT") spjega li l-ħġieġ solari kien kopert b'dan il-pjan li jiffoka sew fuq it-titjib tal-kwalità, billi l-ħġieġ solari ta' kwalità tajba kien vitali għall-inkoraġġiment tal-industrija PV solari.

([1]) http://www.fsolar.de/cms/fileadmin/user_upload/Bilder/PVSEC_2013/Presse_Information_EU_PVSEC_2013_Paris_ENG.pdf

([2]) Il-Kapitolu 9, tat-12-il Pjan ta' Ħames Snin: *"Punt fokali fuq l-iżvilupp ta' ħġieġ fotovoltajku, ħġieġ sottostrat irqiq ħafna… u materjali ġodda oħra"*.

(47) L-importanza tal-innovazzjoni u ta' materjali ġodda hija ġeneralment innutata fit-"*12-il Programm ta' Innovazzjoni ta' Teknoloġija Industrijali ta' Ħames Snin*" ([1]) maħsub biex jimplementa l-Pjan ta' Ħames Snin u wkoll il-"*Pjan ta' żvilupp għat-Teknoloġija u x-Xjenza fit-Tul*" ([2]). L-attenzjoni qawwija tiegħu fuq l-innovazzjoni teknoloġika tinkludi l-iżvilupp ta' materjali ġodda. F'dak il-kuntest, hemm ukoll referenza speċifika għall-ħġieġ solari.

(48) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, waqt li stqarr li l-ħġieġ solari ma kien imsemmi fl-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti. Il-Kummissjoni tinnota li dawn iż-żewġ dokumenti huma maħsuba biex joffru għajnuna speċjali lil intrapriżi ta' teknoloġija għolja, kif ġie diskuss fil-premessi (401) u (402) tar- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 ([3]) ("ir-Regolament dwar il-pannelli solari") fejn l-istess argumenti kienu magħmula mill-GTĊ. Iż-żewġ dokumenti jimplimentaw it-12-il Pjan ta' Ħames Snin u l-pjan għall-Industrija Fotovoltajka Solari, u jassistu l-intrapriżi ta' teknoloġija għolja u ġdida, li tinkludi bosta manifatturi tal-ħġieġ solari.

(49) Id-"*Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni u l-Implimentazzjoni tad-"Dispożizzjonijiet Temporanji li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali"* (li, flimkien mad-"Dispożizzjonijiet Temporanji li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali" huma magħrufa bħala "d-Deċiżjoni Nru 40") tiddikjara li l-GTĊ se jappoġġa b'mod attiv l-iżvilupp ta' industriji ġodda tal-enerġija u jħaffef l-iżvilupp tal-enerġija solari ([4]); tagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji kollha biex jipprovdu appoġġ ta' kreditu biss lill-proġetti inkoraġġuti (il-kategorija li fiha jinsabu l-proġetti tal-ħġieġ solari); u twieġħed l-implementazzjoni ta' *"politiki preferenzjali oħra dwar il-proġetti inkoraġġuti"* " ([5]).

(50) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx la ma l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 5 u lanqas ma' dik tal-Artikolu 17 tad-"Dispożizzjonijiet Temporanji li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali". Il-GTĊ ddikjara li l-Artikolu 5 ma jsemmix ħġieġ solari. Madankollu, minħabba li dan isemmi l-inkoraġġiment ta' enerġija solari, li teħtieġ ħġieġ solari, il-Kummissjoni tqis li dan jinkludi ħġieġ solari fl-ambitu tad-Dispożizzjonijiet Temporanji.

(51) Il-GTĊ mbagħad ikkontesta l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 17, li, filwaqt li tiddikjara li industriji inkoraġġuti biss għandhom jirċievu appoġġ ta' kreditu, tordna li dan għandu jsir "skont il-prinċipji ta' kreditu" aktar milli fuq bażi preferenzjali.

(52) Ma nstabet l-ebda evidenza fl-ispezzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun, jew matul iż-żjara lill-GTĊ, li din id-dispożizzjoni ġiet imħarsa. Il-banek ikkonċernati ma kkooperawx mal-investigazzjoni biex jippermettu li din id-dispożizzjoni tiġi ttestjata jew ivverifikata. L-investigazzjoni wriet li ċerti impriżi jibbenefikaw mill-politiki ta' self preferenzjali. Il-Kummissjoni għalhekk tiċħad l-affermazzjoni tal-GTĊ li s-self lill-industrija tal-ħġieġ solari sar "skont il-prinċipji ta' kreditu". L-argument prinċipali jibqa' li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha jipprovdu kreditu lill-industriji inkoraġġuti, li jinkludu l-manifattura ta' ħġieġ solari, u li dak l-appoġġ huwa *de facto* pprovdut b'termini preferenzjali.

(53) Fl-2011, il-Kummissjoni tal-Iżvilupp u r-Riforma Nazzjonali ("NDRC"), tat rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-Istat li jirrevedi l-programm fid-Deċiżjoni Nru 40. Il-Kunsill tal-Istat ħareġ *"id-Deċiżjoni Nru 9 tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali"* ("id-Deċiżjoni Nru 9"). Dan id-dokument "jinkoraġġixxi b'mod attiv" lill-GTĊ u lill-aġenziji pubbliċi biex "jiggwidaw l-iżvilupp tal-industriji rilevanti, u jottimizzaw l-immodernizzar tal-istruttura industrijali." Il-Punt 12(2) tad-Deċiżjoni Nru 9 jsemmi b'mod speċifiku l-inkoraġġiment tal-produzzjoni ta' "float glass ultra-ċar għall-industrija tal-enerġija solari."

(54) Il-Pjan Nazzjonali għall-Iżvilupp Xjentifiku u Teknoloġiku fit-Terminu Medju u Twil (2006–20) adottat mill-GTĊ jwieġħed li *"jagħti l-ewwel prijorità lill-finanzjament tal-politiki", "jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jagħtu*

([1]) Maħruġ mill-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informatika u jkopri l-perjodu 2011-2015.
([2]) Maħruġ mill-Kunsill tal-Istat u jkopri l-perjodu 2006-2020
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325 5.12.2013, p. 66)
([4]) Il-Kapitolu II, l-Artikolu 5 tad-Dispożizzjonijiet Temporanji li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali.
([5]) Il-Kapitolu III, l-Artikolu 17 tad-Dispożizzjonijiet Temporanji li Jippromwovu l-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali.

appoġġ ta' kreditu preferenzjali lil proġetti ta' industrijalizzazzjoni nazzjonali kbar fix-xjenza u t-teknoloġija", li "*Jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex itejbu u jsaħħu s-servizzi finanzjarji għall-impriżi ta' teknoloġija avvanzata*" u li "*jimplimenta l-politiki ta' taxxa preferenzjali biex jippromwovi l-iżvilupp ta' impriżi ta' teknoloġija avvanzata*".

(55) Il-ħġieġ solari jaqa' fid-deskrizzjoni ta' intrapriża ta' teknoloġija għolja, kif jidher fin-numru ta' manifatturi bi status ta' Teknoloġija Ġdida u Għolja u huwa industrija ġdida, kemm fiċ-Ċina kif ukoll fl-Unjoni. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tinnota wkoll li waħda mill-kumpaniji fil-kampjun irċeviet għotja speċifika mill-Kummissjoni tal-Iżvilupp u r-Riforma Nazzjonali ("NDRC") biex tiġi ppremjata għal innovazzjoni tagħhafil-qasam ta' ħġieġ solari, li juri b'mod ċar l-interess tal-GTĊ f'dan is-settur ta' teknoloġija għolja.

(56) L-ilmentatur iddikjara li l-allegati sussidji jikkonsistu mill-iskemi elenkati fit-Taqsima C.2 hawn taħt. Wara l-ispezzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun fir-RPĊ, u żjara lill-GTĊ, il-Kummissjoni analizzat dawn l-iskemi, fejn kumpaniji fil-kampjun irċevew benefiċċju matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

2. **Skemi ta' sussidju oħra identifikati**

(57) Matul l-ispezzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun, l-analiżi ta' rekords interni tagħhom skopriet sussidji minn awtoritajiet provinċjali, awtoritajiet tal-ibliet, tal-kontei jew awtoritjiet tal-gvern tad-distretti. Dawn is-sussidji ma kinux ġew elenkati speċifikament fl-ilment. Fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, mhuwiex ċar jekk dawn humiex sussidji *ad hoc* jew programmi dwar is-sussidju lokali. Madankollu, in-natura lokali ta' dawn l-iskemi tfisser li l-ilmentaturi ma setgħux ikunu raġonevolment mistennija li jkunu jafu d-dettalji ta' dawk is-sussidji u għalhekk ma hemm l-ebda referenza diretta għal dawn is-sussidji fl-ilment.

(58) Il-Kummissjoni talbet konsultazzjonijiet addizzjonali mal-GTĊ rigward dawn is-sussidji l-oħra li huma speċifiċi għall-kumpanija jew għall-post; li nstabu fir-rekords tal-kumpaniji fil-kampjun matul iż-żjarat ta' verifika; u li ma kinux imniżżla fl-ilment. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu offruti mill-Kummissjoni biex ikun żgurat li jseħħ il-proċess dovut matul l-investigazzjoni. Il-GTĊ ma aċċettax din l-offerta filwaqt li stqarr li tali talba ma tkunx konformi mal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM).

(59) Il-Kummissjoni tqis li dawn is-sussidji l-oħra huma marbuta mill-qrib mat-tipi ta' miżuri u prattiki allegati fl-ilment u fin-Notifika ta' Bidu. Dawn il-miżuri jinvolvu l-istess tip ta' kontribuzzjoni u ta' benefiċċju finanzjarju fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, u għalhekk jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "prattika ta' sussidju jew prattiċi li għandhom jiġu investigati" li l-Artikolu 22.2(iii) tal-ASCM jirrikjedi li jkunu speċifikati fin-Notifika ta' Bidu. L-iskemi msemmija fin-Notifika ta' Bidu mhumiex eżawrjenti, u dan jidher mill-kliem "is-sussidji jikkonsistu, *inter alia*, minn…" fit-Taqsima 3. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li dawn is-sussidji addizzjonali jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-proċediment.

(60) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-ASCM u stqarr li l-opinjoni tiegħu kienet li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda bażi ġuridika li fuqha tista' tikkumpensa sussidju speċifiku għal produttur esportatur wieħed inkluż fil-kampjun, anki jekk dak is-sussidju kien marbut direttament mal-prattika tas-sussidju identifikata mill-ilmentaturi. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-GTĊ dwar l-ASCM fir-rigward ta' dak il-punt. Fejn l-ilmentaturi identifikaw prattika ta' sussidju, flimkien ma' eżempji ta' skemi nazzjonali, u benefiċċji lokali li jinsabu fl-istess prattika ta' sussidju, il-Kummissjoni tqis li hija għandha d-dritt li jiġi kkumpensat kull benefiċċju li nstab. B'mod partikolari, dan japplika meta l-mekkanika, in-natura u l-effetti tal-benefiċċji li nstabu huma l-istess bħal skemi oħra diġà identifikati fl-ilment u fin-Notifika ta' bidu.

3. **Nuqqas ta' kooperazzjoni u l-użu tal-fatti disponibbli**

(61) Il-Kummissjoni nnotifikat il-GTĊ fit-18 ta' Diċembru 2013 li se tikkunsidra l-użu tal-fatti disponibbli minħabba n-nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-SOCBs li lilhom intbagħtet l-Appendiċi pprovduta lilhom mill-GTĊ.

(62) Il-GTĊ wieġeb fis-26 ta' Diċembru 2013 u ma qablitx mal-użu propost tal-Artikolu 28 kontra "banek allegatament statali" iżda ma ddubitax li l-banek ma kinux bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju. Il-GTĊ wkoll ma ddubitax li dawn il-banek kienu jappartjenu lill-Istat. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tuża l-aħjar fatti disponibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni li kellha tkun ipprovduta mill-SOCBs.

(63) Wara l-iżvelar il-GTĊ sfida l-użu tal-Artikolu 28 biex jissostitwixxi l-informazzjoni li kienet mitluba fl-Appendiċi li ntbagħtet lill-SOCBs. Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-informazzjoni ngħatat mill-GTĊ f'din l-investigazzjoni u l-Kummissjoni analizzatha u kkunsidrata fejn kien meħtieġ. Madankollu meta la l-GTĊ u la l-SOCBs, u lanqas il-kumpaniji ma setgħu jipprovdu l-informazzjoni, pereżempju dwar il-kredibbiltà kreditizja, il-Kummissjoni kellha tuża "fatti disponibbli" skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(64) Fir-rigward ta' sussidji oħra mhux speċifikament imsemmija fin-Notifika ta' Bidu b'referenza għal programm partikolari, u li nstabu matul iż-żjarat ta' verifika tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni użat l-evidenza kollha disponibbli biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Dawk is-sussidji misjuba kienu jaqgħu taħt it-tipi ta' miżuri u prattiki deskritti fin-Notifika ta' Bidu, u l-Kummissjoni offriet lill-GTĊ aktar konsultazzjonijiet dwar dawn is-sussidji mingħajr ma ġiet aċċettata l-offerta. Il-Kummissjoni tqis li dawn is-sussidji huma marbuta mill-qrib mat-tipi ta' miżuri u prattiki allegati fl-ilment u fin-Notifika.

(65) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sussidji misjuba matul l-ispezzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun u għal punti oħra dwar l-iskemi tas-sussidju. Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li ma applikatx l-Artikolu 28 f'dawn il-każijiet. Fejn il-kooperazzjoni kienet tajba iżda l-informazzjoni sempliċiment ma setgħetx tiġi pprovduta — pereżempju l-bażi ġuridika eżatta għal ħlas ta' sussidju ta' darba — intużat l-evidenza pprovduta mill-kumpanija kkonċernata biex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk dan kienx sussidju kompensatorju jew le.

(66) Il-GTĊ jallega wkoll li l-Kummissjoni ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni fl-iżvelar meta użat l-aqwa fatti disponibbli skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Din l-allegazzjoni tirreferi għall-użu tal-konklużjonijiet ta' investigazzjonijiet preċedenti fejn l-istess sussidju ġie investigat. Meta dan kien il-każ, il-Kummissjoni rreferiet għal premessi eżatti tar-Regolament ikkonċernat u ġabret fil-qosor l-argumenti li nstabu.

(67) Il-GTĊ jinnota li d-dokument ta' żvelar ma jiddeskrivix f'dettalji kbar is-sussidji partikolari ta' darba li jeżistu fil-kumpaniji fil-kampjun. Dan sar speċifikament biex titħares l-informazzjoni konfidenzjali tan-negozji provduta mill-kumpaniji fil-kampjun lill-Kummissjoni, u l-ebda taqsira addizzjonali mhux kunfidenzjali ma hija possibbli. Sar iżvelar konfidenzjali sħiħ għal kull produttur esportatur individwali fil-kampjun. Fejn il-bażi ġuridika ġiet ipprovduta minn produttur esportatur fil-kampjun dan ġie nnutat imbagħad fl-iżvelar lura lill-kumpanija. F'kull każ, meta l-GTĊ kien offrut konsultazzjonijiet dwar dawn is-sussidji, ingħata wkoll l-opportunità li jipprovdi informazzjoni addizzjonali rilevanti, li huwa ma għamilx.

4. **L-iskemi investigati**

(68) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-GTĊ u lill-produtturi esportaturi fil-kampjun, filwaqt li talbet l-informazzjoni dwar l-iskemi li ġejjin li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji lill-industrija tal-ħġieġ solari:

— self preferenzjali lill-industrija tal-ħġieġ solari:

— linji ta' kreditu u selfiet għall-politika b'rati baxxi mogħtija minn SOCBs u minn banek għall-iżvilupp pubbliku ([1])

— programmi dwar is-sussidju tal-kreditu għall-esportazzjoni

— garanziji ta' esportazzjoni

— Assigurazzjoni ffinanzjata mill-Istat għal teknoloġiji ekoloġiċi ("Green express")

([1]) Banek għall-iżvilupp pubbliku huma banek li ma jsegwux għan kummerċjali, iżda li huma korpi pubbliċi fdati mill-Istat bl-għan li jiffinanzjaw proġetti li huma mwettqa fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' natura ta' politika pubblika.

— vantaġġi finanzjarji mill-għoti ta' aċċess għal kumpaniji holding offshore

— ħlasijiet lura ta' self mill-Gvern

— programmi dwar l-għotjiet:

— sussidji ta' "Marki Magħrufa" u ta' "L-Aqwa Marki Dinjija taċ-Ċina"

— Fondi għall-Espansjoni 'l Barra tal-Industriji fil-Provinċja ta' Guandong

— Il-forniment mill-gvern ta' prodotti u ta' servizzi għal remunerazzjoni inqas minn adegwata:

— il-forniment ta' antimonju

— il-forniment ta' enerġija

— il-forniment tad-drittijiet tal-użu tal-art

— programmi dwar it-tnaqqis u l-eżenzjoni mit-taxxa diretta:

— eżenzjonijiet fuq it-taxxa tad-dħul jew tnaqqisiet skont il-Programm Tnejn b'Xejn/Tlieta Nofs

— tnaqqisiet tat-taxxa fuq l-introjtu għall-intrapriżi investiti barra ("FIEs") bbażati fuq lokalità ġeografika

— eżenzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu lokali u tnaqqisiet għal "FIEs produttivi"

— tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu għal FIEs li jixtru tagħmir magħmul iċ-Ċina

— Tpaċija tat-taxxa għar-R&D għall-FIEs

— taxxa fuq l-introjtu korporattiva preferenzjali għall-FIEs rikonoxxuti bħala Industriji ta' Teknoloġija Għolja u Ġdida

— tnaqqis ta' taxxa għall-Impriżi ta' Teknoloġija Ġdida involuti fi proġetti magħżula

— politika preferenzjali tat-taxxa fuq l-introjtu għal impriżi fir-reġjun tal-Grigal

— Programmi tat-taxxa tal-provinċja ta' Guangdong

— eżenzjoni fuq id-dividendi bejn l-intrapriżi residenti ikkwalifikati

— programmi dwar it-taxxa indiretta u t-tariffi ta' importazzjoni:

— Eżenzjonijiet tal-VAT għall-użu ta' tagħmir importat

— Roħsijiet tal-VAT fuq xirjiet mill-FIEs ta' tagħmir magħmul iċ-Ċina

— Eżenzjonijiet mill-VAT u t-tariffi għal xirjiet ta' assi fissi skont il-programm tal-Fondi ta' Żvilupp tal-Kummerċ Barrani

— Sussidji oħra u programmi oħrajn dwar is-sussidju (inklużi programmi provinċjali, tal-belt, kontea jew tal-awtorità tal-gvern distrettwali)

5. **Self ta' politiki preferenzjali, finanzjament ieħor, garanziji u assigurazzjoni**

5.1. *Self preferenzjali*

(a) Introduzzjoni

(69) Il-Kummissjoni baġħtet lill-GTĊ Appendiċi li kellu jintbagħat lis-SOCBs, lill-banek għall-iżvilupp pubbliku u lill-istituzzjonijiet finanzjarji li huma proprjetà privata li sellfu l-flus lill-kumpaniji fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-GTĊ infurma lill-Kummissjoni li għamel dan iżda li ma kienx irċeva risposta. Kif stabbilit hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tat parir lill-GTĊ li minħabba dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni, kienet se tapplika l-Artikolu 28 u tuża l-fatti disponibbli sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar dan il-punt.

(b) Bażi ġuridika

(70) Id-dispożizzjonijiet legali li ġejjin jipprovdu għal self preferenzjali fiċ-Ċina: *Il-Liġi tar-RPĊ dwar il-Banek Kummerċjali* ("il-Liġi tal-Banek"), *Ir-Regoli Ġenerali fuq Self* ippromulgati mill-People's Bank of China ("l-PBOC") fit-28 ta' Ġunju 1996 u d-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat kif imsemmi hawn fuq.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(71) Investigazzjonijiet preċedenti antisussidji kontra r-RPĊ kkonkludew li s-sistema bankarja fiċ-Ċina hija ddominata minn banek statali, jew banek fejn l-Istat għandu interess ta' kontroll f'termini ta' parteċipazzjoni azzjonarja. Ittnejn huma magħrufa bħala "SOCB's". Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-SOCBs qed jeżerċitaw awtorità governattiva. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li s-sitwazzjoni kienet inbidlet. Kif innutat fil-premessa (161) tar-Regolament dwar il-pannelli solari, li huwa l-aħħar investigazzjoni li jkopri dan is-suġġett, il-ħames l-ikbar SOCBs (il-Bank Agrikolturali taċ-Ċina (Agricultural Bank of China), il-Bank taċ-Ċina (Bank of China), il-Bank tal-Kostruzzjoni taċ-Ċina, (China Construction Bank) u l-Bank tal-Komunikazzjoni u l-ICBC) jirrappreżentaw aktar minn 50 % tas-settur bankarju f'termini ta' total tal-karta tal-bilanċ.

(72) Ibbażata fuq l-użu ta' fatti disponibbli, inklużi l-fatti stabbiliti fir-Regolament dwar il-pannelli solari, il-konklużjoni tibqa' li l-SOCBs huma korpi pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku, kif ġie stabbilit fid-dettall fil-premessi minn 158 sa 168 tar-Regolament dwar il-pannelli solari.

(73) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx ma' din il-konklużjoni filwaqt li stqarr li l-Kummissjoni ma kinitx esponiet ir-raġunijiet għalfejn hija qieset li l-SOCBs kienu korpi pubbliċi. Il-Kummissjoni tiċħad din l-allegazzjoni billi r-raġuni għalfejn l-SOCBs huma korpi pubbliċi hija mniżżla fil-premessi minn 158 sa 168 tar-Regolament dwar il-pannelli solari u l-GTĊ ma pprovda l-ebda informazzjoni li tikkontradixxi dawk l-aħjar fatti disponibbli. Fi ftit kliem:

(a) L-SOCBs għandhom l-akbar sehem mis-suq u huma l-atturi predominanti fis-suq fir-RPĊ;

(b) Fuq il-bażi ta' fatti disponibbli l-SOCBs huma kkontrollati mill-gvern permezz ta' sjieda u kontroll amministrattiv tal-imġiba kummerċjali tagħhom inklużi l-limiti fuq ir-rati tal-imgħax li jistgħu joffru;

(c) Il-liġi bankarja u l-liġijiet u r-Regolamenti oħra jeżiġu li l-banek isellfu skont il-ħtiġijiet tal-ekonomija nazzjonali, jipprovdu appoġġ ta' kreditu biex jiskoraġġixxu l-proġetti, u jagħtu prijorità lil intrapriżi ta' teknoloġija għolja u ġdida.

(74) Il-konklużjonijiet f'dawn il-premessi huma reċenti, billi huma kienu ppubblikati biss fi tmiem l-2013, u ġew ippubblikati f'għarfien sħiħ dwar il-bidla f'lulju 2013 fil-politika dwar il-limiti minimi tar-rati tal-imgħax fiċ-Ċina.

(75) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni ppruvat tivverifika r-rwol tal-GTĊ u b'mod partikolari l-Bank Ċentrali, il-Bank tal-Poplu taċ-Ċina (il-PBOC) fis-swieq finanzjarji u s-settur bankarju fir-rigward ta' self lill-industrija tal-ħġieġ solari. Billi l-kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-PBOC kienet ġeneralment sodisfaċenti, il-PBOC ma pprovdiex it-test sħiħ "Ċirkulari dwar il-Kwistjonijiet rigward l-Aġġustament tar-Rati ta' Interess fuq id-Depożiti u s-Self" (YinFa (2004) 251) li li jiffissal-limiti minimi u massimi tar-rati tal-imgħax għas-selfiet u d-depożiti. Għas-self tal-bank kummerċjali (kemm l-SOCBs kif ukoll il-banek kummerċjali ta' proprjetà privata) u s-self bankarju għall-iżvilupp pubbliku, iċ-Ċirkolari tistabbilixxi biss il-limitu minimu. Għas-self preferenzjali u self li għalih il-GTĊ adotta regolamenti speċifiċi, iċ-ċirkolari tipprovdi li r-rati tal-imgħax mhumiex permessi li jogħlew 'il fuq. Il-limitu ta' fuq preċiż huwa stabbilit fir-regolamenti speċifiċi applikabbli għal dak is-self.

(76) Matul iż-żjara ta' verifika tal-Kummissjoni, il-PBOC ddikjara li d-dokument ma setax jiġi pprovdut billi ma kienx disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt tagħhom. Wara tfittxija fuq l-Internet madankollu nsabet kopja taċ-Ċirkolari, u traduzzjoni bl-Ingliż, f'pakkett ta' dokumenti mogħti lill-awtoritajiet Awstraljani mill-GTĊ xi snin ilu ([1]). Fin-nuqqas ta' kopja uffiċjali direttament mill-GTĊ, il-Kummissjoni ħadet din il-verżjoni bħala kopja awtentika u sħiħa taċ-Ċirkolari kkonċernata.

(77) Iċ-Ċirkolari turi li l-PBOC jinfluwenza l-iffissar tar-rati tal-imgħax għal self mogħti matul il-PI mis-SOCBs fir-RPĊ. Il-GTĊ spjega li f'lulju 2013 l-PBOC neħħa kemm il-limitu minimu kif ukoll il-limitu massimu għal rati tal-imgħax għas-self. Dan ġie nnotat iżda minħabba li dan kien wara tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ma jaffettwax il-konklużjoni mfassla hawnhekk. F'kull każ il-limitu minimu fuq ir-rati tal-imgħax li kien japplika matul il-perijodu tal-investigazzjoni mhuwiex l-uniku argument għalfejn il-Kummissjoni tikkunsidra l-SOCBs bħala entitajiet pubbliċi. Il-konklużjonijiet fil-Premessi minn (158) sa (168) tar-Regolament dwar il-pannelli solari għadhom japplikaw irrispettivament.

([1]) http://www.adcommission.gov.au/cases/documents/141-AttachmentstoPreliminaryReportonExistenceofCVSubsisides-GovofthePeoplesRepublicofChina-N.pdf

(78) Wara l-iżvelar, il-GTĊ għamel għadd ta' kummenti dwar iċ-Ċirkulari "YinFa (2004) 251" mingħajr ma ta l-ebda spjegazzjoni għalfejn it-test sħiħ ta' din iċ-Ċirkulari ma kienx ippruvdut lill-Kummissjoni, u mingħajr ma kkonferma jekk it-test mogħti lill-awtoritajiet Awstraljani, u misjub mill-Kummissjoni, kienx preċiż. Kif kien instab qabel fl-investigazzjoni dwar il-pannelli solari, iċ-Ċirkulari tistabbilixxi b'mod ċar l-istruzzjonijiet tal-PBOC għall-banek fir-rigward tas-self. Kif iddikjarat f'investigazzjonijiet preċedenti, il-kontenut ta' din iċ-ċirkulari huwa importanti biex jinftiehem ir-rwol li għandhom il-GTĊ u l-PBOC fid-direzzjoni tal-banek u tas-self.

(79) Il-konklużjoni tal-Kummissjoni tibqa' kif kien instab qabel fir-Regolament dwar il-pannelli solari, jiġifieri l-ewwel nett li l-Artikolu 34 tal-liġi bankarja jeħtieġ li l-banek fir-RPĊ jwettqu n-negozju tas-self tagħhom skont il-bżonnijiet tal-ekonomija nazzjonali. Il-bżonnijiet tal-ekonomija nazzjonali huma stabbiliti fit-12-il Pjan ta' Ħames Snin.

(80) Wara l-iżvelar, il-GTĊ ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja, waqt li kompla jistqarr li "din is-sentenza hija ambigwa u ma tipprovdi l-ebda gwida espliċita lill-banek biex jaġixxi b'ċertu mod. L-ebda dokument ma jiddeskrivi l-ħtiġijiet tal-ekonomija nazzjonali, la t-12-il Pjan ta' Ħames Snin u l-ebda Regolament ieħor/Deċiżjoni oħra".

(81) Din hija differenti minn l-interpretazzjoni tal-GTĊ tal-Artikolu 34 fl-investigazzjoni dwar il-pannelli solari, fejn huwa ddeskriviha bħala "newtrali". Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-GTĊ. Il-Kummissjoni tikkunsidra, u l-GTĊ ma weriex mod ieħor, li l-politiki dwar l-ekonomija nazzjonali huma stabbiliti fit-12-il Pjan ta' Ħames snin u l-pjan speċifiku għall-industrija Fotovoltajka, u li l-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu mħeġġa jsellfu lill-industriji mħeġġa bħalma huma l-industriji tal-ħġieġ solari.

(82) Il-GTĊ ġibed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal artikoli oħra dwar il-Liġi Bankarja, jiġifieri l-Artikoli 4, 5 u 7, li għandhom jiżguraw li s-self isir mingħajr indħil u wara valutazzjoni ta' kreditu. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jeżistu dawn l-Artikoli iżda tinnota li l-GTĊ, il-banek u l-kumpaniji kkonċernati inklużi fil-kampjun ma setgħux juru li s-selfiet saru mingħajr interferenza — minħabba self preferenzjali fl-industrija tal-ħġieġ solari — u b'valutazzjoni ta' kreditu — billi minkejja t-talbiet l-ebda ftehimiet ta' self jew valutazzjonijiet tar-riskji, inklużi klassifikazzjonijiet ta' kreditu, ma ġew ippruvduti jew ma nstabu marbuta ma' kull self mogħti lil kull produttur esportatur fil-kampjun.

(83) It-tieni, il-banek huma mitluba jippruvdu appoġġ ta' kreditu għall-industriji mħeġġin skont id-Deċiżjoni Nru 40 u d-Deċiżjoni Nru 9, li għandhom is-saħħa tal-liġi. Il-GTĊ kkonferma matul l-ispezzjoni tal-Ministeru tal-Kummerċ li l-industrija tal-ħġieġ solari hija industrija mħeġġa. Dan huwa skont il-Katalgu ta' Gwida għar-Ristrutturar Industrijali tal-2011, li ġie pprovdut mill-GTĊ fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju u li jikklassifika l-ħġieġ solari fil-kategorija mħeġġa.

(84) Id-Deċiżjoni Nru 40 tipprovdi gwida għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha f'forma ta' struzzjonijiet li jorbtu dwar il-promozzjoni u l-appoġġ tal-industriji mħeġġin, u l-industrija tal-ħġieġ solari tikkostitwixxi industrija mħeġġa.

(85) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-impatt tad-Deċiżjoni Nru 40, u r-Regolamenti mehmuża, u d-Deċiżjoni Nru 9. Il-Kummissjoni ttenni li l-valutazzjoni tagħha kemm tad-Deċiżjoni Nru 40 kif ukoll tar-Regolamenti mehmuża hija li dawn jistabbilixxu l-bżonnijiet tal-ekonomija nazzjonali. Huma jistabbilixxu strateġija għall-gvern u għas-settur finanzjarju u b'mod partikolari self dirett minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-industriji mħeġġa bħal-dik tal-ħġieġ solari.

(86) Il-GTĊ ntalbu jiċċaraw l-istatus ġuridiku ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat bħad-Deċiżjoni Nru 40. It-tweġiba unika tagħhom kienet li huwa Regolament maħruġ mill-Kunsill tal-Istat u ma jiffurmax parti mil-liġi Ċiniża. Madankollu, huma ma pprovdew l-ebda evidenza li tissostanzja dak l-argument. Il-fehma tal-GTĊ hija f'kontradizzjoni ma' informazzjoni disponibbli pubblikament, li tiddeskrivi l-Kunsill tal-Istat bħala l-oġħla awtorità amministrattiva b'qawwa ta' tfassil tar-regoli amministrattivi. Skont dawn is-sorsi, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Istat huma regoli li jorbtu legalment. ([1]) Abbażi tal-fatti disponibbli, il-Kummissjoni għalhekk hija tal-fehma li d-Deċiżjoni Nru 40 u d-Deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni mehmuża ma' din id-Deċiżjoni, bħad-Deċiżjoni Nru 9, huma Regolamenti amministrattivi, u bħala tali parti mil-liġi Ċiniża.

([1]) http://www.china.org.cn/english/kuaixun/76340.htm

(87) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonferma l-analiżi fil-premessa (191) tar-Regolament dwar il-pannelli solari, li tikkonkludi li d-Deċiżjoni Nru 40 u d-Deċiżjoni Nru 9 jorbtu legalment fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi oħra u operaturi ekonomiċi.

(88) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk il-banek bi sjieda privata fiċ-Ċina humiex fdati u/jew diretti mill-GTĊ sabiex jipprovdu selfiet preferenzjali lill-produtturi tal-ħġieġ solari, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(89) L-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja japplika wkoll għal banek privati fiċ-Ċina. Il-GTĊ u l-partijiet interessati ma pprovdew l-ebda evidenza li l-konklużjoni dwar is-sitwazzjoni legali li ntlaħqet fil-premessa 174 tar-Regolament dwar il-pannelli solari, jiġifieri li l-GTĊ jagħtihom istruzzjonijiet bl-istess mod bħall-banek statali, tieqaf tapplika. L-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja jgħid li l-banek għandhom istruzzjonijiet biex *"iwettqu n-negozju tas-self tagħhom skont il-bżonnijiet tal-ekonomija nazzjonali u tal-iżvilupp soċjali u fl-ispirtu ta' politiki industrijali tal-istat"* [1]. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kif stabbilit fil-premessa 188 tar-Regolament dwar il-pannelli solari, l-istrateġija ta' self kemm ta' SOCBs kif ukoll ta' banek privati tiġi deċiża mill-GTĊ.

(90) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mal-konklużjoni li huma jafdaw jew jiddirieġu banek privati diretti fir-RPĊ u ma qabilx b'mod partikolari, dwar il-piż li l-Kummissjoni tat lil Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja, li jgħid li "dak kollu li jikkostitwixxi "il-ħtiġijiet tal-ekonomija nazzjonali" huwa miftuħ għall-interpretazzjoni u ovvjament ivarja skont il-persuna/l-korp li jiskrutinja d-dispożizzjoni".

(91) Ta' min jinnota li l-GTĊ, f'li ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, ma ppreżentax l-interpretazzjoni tiegħu stess dwar il-liġi proprja.

(92) Madankollu l-Kummissjoni jeħtiġilha biss li tirreferi għall-konklużjonijiet f'investigazzjonijiet preċedenti, u għall-fatti disponibbli f'dan il-każ, biex terġa' ssostni l-konklużjoni li l-ħtiġijiet tal-ekonomija nazzjonali huma stabbiliti fil-Pjanijiet u r-Regolamenti maħruġa mir-RPĊ, u l-Artikolu 34 jesiġi li l-banek isellfu f'konformità ma' dawn id-deskrizzjonijiet tal-ekonomija nazzjonali, li jinkludi l-inkoraġġiment tal-produzzjoni tal-ħġieġ solari.

(93) Is-sejba tibqa' għalhekk li l-GTĊ jafda u jidderieġi banek privati biex isellfu lill-industriji mħeġġa konformi mal-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja.

(94) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li fil-każ ta' self mogħti minn SOCBs fir-RPĊ, hemm kontribuzzjoni finanzjarja għall-produtturi tal-ħġieġ solari fil-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi mill-gvern kif stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a)(i) tar-Regolament bażiku.

(95) Barra minn hekk, l-istess evidenza turi li l-SOCBs (kif ukoll il-banek privati) jiġu inkarigati jew diretti mill-gvern u dan konsegwentement ifisser li teżisti kontribuzzjoni finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(96) Rigward l-ispeċifiċità, il-Kummissjoni tinnota li l-GTĊ jidderieġi self preferenzjali għal numru limitat ta' industriji u l-industrija tal-ħġieġ solari, bħala parti mis-settur fotovoltajku, hija waħda minnhom, kif spjegat fid-dettall fil-premessa 172 tar-Regolament dwar il-pannelli solari. Il-GTĊ inkluda l-industrija tal-ħġieġ solari fost l-industriji "prinċipali" fit-12-il Pjan ta' Ħames Snin. Id-Deċiżjoni Nru 40 tgħid li l-GTĊ se jappoġġa b'mod attiv l-iżvilupp tal-industriji l-ġodda tal-enerġija u jħaffef l-iżvilupp tal-enerġija solari. L-istituzzjonijiet finanzjarji kollha huma marbuta li jipprovdu appoġġ ta' kreditu biss għal proġetti mħeġġa, il-kategorija li fiha jappartjenu l-proġetti tal-ħġieġ solari. Din id-Deċiżjoni twieġħed ukoll l-implimentazzjoni ta' "*politiki preferenzjali oħra dwar il-proġetti mħeġġa*".

(97) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mas-sejba ta' speċifiċità u b'mod partikolari mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tat-12-il Pjan ta' Ħames Snin, li tgħid li huwa "ma jkollu l-ebda valur legali billi mhuwiex dokument vinkolanti". Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni, u tinnota li l-GTĊ għamel l-istess talbiet f'investigazzjonijiet preċedenti, li wkoll ma kinux ġew aċċettati. It-12-il Pjan ta' Ħames Snin jiddikjara li kien "diskuss u approvat mill-Kungress Nazzjonali tal-Poplu, u li għandu l-effett tal-liġi."

[1] L-Artikolu 34 tal-Liġi dwar il-Banek Kummerċjali.

(98) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li s-sussidji f'forma ta' self preferenzjali mhumiex ġeneralment disponibbli u għalhekk huma speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(99) Jeżisti benefiċċju sal-punt li s-self tal-gvern, jew self minn korpi privati inkarigati jew diretti mill-gvern, jingħataw f'termini iktar favorevoli minn dawk li r-riċevitur jista' jikseb fis-suq.

(100) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti l-Kummissjoni ppruvat tivverifika r-riskju tal-kreditu tal-valutazzjonijiet imwettqa mill-banek li sellfu l-flus lill-kumpaniji fil-kampjun matul il-PI. L-ebda evidenza ma ngħatat mill-kumpaniji dwar il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom, u l-banek ma kkooperawx mal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ma setgħet tara l-ebda prova li s-selfiet għall-kumpaniji tal-ħġieġ solari kienu abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, u r-rata tal-imgħax stabbilita bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju.

(101) Fin-nuqqas ta' kull informazzjoni provduta mill-GTĊ, il-produtturi esportaturi jew il-banek, il-Kummissjoni serrħet fuq fatti disponibbli biex jiġi stabbilit jekk self preferenzjali fir-RPĊ kienx jagħti benefiċċju lill-produtturi esportaturi fil-kampjun li kellhom is-self minn banek fir-RPĊ.

(102) Il-Kummissjoni, bħal fl-investigazzjoni dwar il-pannelli solari, bdiet bir-rati tal-imgħax tal-bank ċentrali uffiċjalment ippubblikati mill-PBOC għas-self f'Renminbi Yuan Ċiniż (CNY). Ir-rata ta' interessi medja matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet ta' 6,26 %.

(103) Il-Kummissjoni mbagħad aġġustat ir-rata ta' interess tal-PBOC biex jittieħed kont tar-riskju tal-kreditu tal-kumpaniji kkonċernati. Madankollu dawn ma pprovdew l-ebda klassifikazzjonijiet tal-kreditu indipendenti jew informazzjoni simili li tkun tippermetti lill-Kummissjoni li tikkalkula klassifikazzjoni tal-kreditu. F'kull każ, il-Kummissjoni stabbilixxiet f'investigazzjonijiet preċedenti li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-kumpaniji Ċiniżi huma miżrappreżentati minn appoġġ governattiv u li ma hemm l-ebda evidenza ta' kull valutazzjoni tar-riskju sinifikanti ta' riċeventi ta' self. Il-Kummissjoni għalhekk imxiet fuq l-istess metodoloġija tal-pannelli solari u qieset il-kumpaniji kollha kkonċernati bħala li għandhom klassifikazzjoni mhux ta' investiment tal-grad "BB" kif definit mill-kumpanija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu Bloomberg.

(104) Il-primjum fuq bonds maħruġa minn kumpaniji bi klassifikazzjoni BB kontra bonds maħruġa minn kumpaniji bi klassifikazzjoni AAA (li r-RPĊ għandha fuq il-bonds tagħha), kif irreġistrat minn Bloomberg, kienet imbagħad miżjuda mal-medja tar-rata ta' self tal-PBOC matul il-PI. Ir-riżultat kien rata ta' mgħax normattiva għall-PI, għal selfiet lill-kumpaniji fil-kampjun f'CNY, ta' 10,37 %.

(105) Wara li qabblet din ir-rata ta' mgħax normattiva mar-rata proprja tal-imgħax li tiħallas waqt il-PI lill-kumpaniji kkonċernati, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-selfiet jingħataw lill-industrija tal-ħġieġ solari fuq termini u kundizzjonijiet li jkunu inqas minn tas-suq.

(106) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mal-għażla tar-rata normattiva tal-Kummissjoni u mal-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet mit-tqabbil bejn ir-rata ta' mgħax normattiva u l-imgħax attwali mħallas.

(107) Il-paragun bejn ir-rata normattiva u l-imgħax attwali mħallas juri b'mod ċar li l-produtturi esportaturi fil-kampjun li sselfu mill-banek Ċiniżi, f'CNY, ħallsu inqas mir-rati kummerċjali normali ta' mgħax għal kumpaniji fil-pożizzjoni finanzjarja tagħhom.

(108) It-tieni, il-Kummissjoni kienet tabilħaqq konxja li l-PBOC neħħa l-limitu fuq is-self f'lulju 2013 u semmiet din il-kwistjoni fid-dokument ta' żvelar. Madankollu dan ma jbiddilx il-konklużjoni li l-GTĊ jinterferixxi fl-imġiba tas-self tal-banek fiċ-Ċina, b'mod partikolari permezz tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 40 u r-Regolamenti mehmuża, u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja.

(109) It-tielet, il-Kummissjoni kkalkulat biss punt ta' riferiment għas-selfiet magħmula f'CNY, billi l-produtturi esportaturi fil-kampjun ma kellhomx selfiet f'EUR jew f'USD mill-banek Ċiniżi.

(110) Fl-aħħar nett, il-GTĊ talab aktar informazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn il-Kummissjoni kkunsidrat li l-produtturi esportaturi fil-kampjun jkollhom klassifikazzjoni ta' kreditu BB. Ir-raġuni li ntagħżlet il-klassifikazzjoni tal-kreditu BB kienet minħabba li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza li xi klassifikazzjoni tal-kreditu ġiet ikkalkulata għal kull produttur esportatur fil-kampjun minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-banek ikkonċernati. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-kreditu BB mhijiex inferenza avversa, u taħdem favur il-kumpaniji fil-kampjun kkonċernati, billi hija l-aħjar grad mhux ta' investiment fis-swieq finanzjarji.

(111) Skont it-termini tal-Artikolu 28, il-Kummissjoni kienet obbligata li tuża l-aħjar fatti disponibbli, li kienu ttieħdu mill-konklużjonijiet tar-Regolament dwar il-pannelli solari, li użaw klassifikazzjoni tal-kreditu BB għall-kumpaniji fil-kampjun. Dan tqies raġonevoli f'dan il-każ u ma waslet l-ebda evidenza wara l-iżvelar li l-kumpaniji fil-kampjun ngħataw klassifikazzjoni tal-kreditu differenti mill-banek ikkonċernati.

(d) Konklużjoni

(112) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-industrija tal-ħġieġ solari fiċ-Ċina bbenefikat minn selfiet preferenzjali fil-PI, kemm minn banek tal-Istat kif ukoll minn banek privati. Il-finanzjament tal-industrija tal-ħġieġ solari jikkostitwixxi sussidju skont it-tifsira tar-Regolament bażiku billi hemm

(a) kontribuzzjoni finanzjarja mill-gvern kif stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a)(i);

(b) inkarigu u direzzjoni mill-gvern kif stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a)(iv); u

(c) għalhekk jingħata benefiċċju kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2).

(113) Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tal-benefiċċju lill-produtturi esportaturi u tal-ispeċifiċità, dan is-sussidju għandu jitqies bħala kumpensatorju.

(114) Wara l-iżvelar il-GTĊ sfida l-użu tas-sejbiet mill-investigazzjonijiet preċedenti biex jintlaħqu konklużjonijiet dwar is-sussidjar f'dan il-każ, u b'mod partikolari allega li l-Kummissjoni kienet serrħet iżżejjed fuq is-sejbiet tar-Regolament dwar il-pannelli solari.

(115) Din l-allegazzjoni ma ntlaqgħetx. Kif innutat qabel, meta jitqies in-nuqqas ta' koperazzjoni mill-banek fir-RPĊ l-Kummissjoni kellha tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 u l-aħjar fatti disponibbli. L-investigazzjoni dwar il-pannelli solari hija l-aktar waħda riċenti, u fiha s-sejbiet l-aktar aġġornati dwar is-sussidjar fiċ-Ċina. Il-pannelli solari mhumiex l-istess prodott bħall-ħġieġ solari, iżda t-tnejn jinsabu fl-istess settur tal-enerġija ġdid u huma koperti mill-istess dokumenti tal-ippjanar tal-gvern. Fin-nuqqas ta' tagħrif ieħor, għalhekk, l-użu ta' sejbiet fl-investigazzjoni dwar il-pannelli solari bħala "l-aqwa fatti disponibbli" huwa xieraq. Il-GTĊ allega wkoll li kienu seħħew bidliet sinifikanti bejn l-investigazzjoni dwar il-pannelli solari u din l-investigazzjoni, b'mod partikolari t-tneħħija tal-limiti minimi fuq ir-rati tal-imgħax mill-PBOC f'lulju 2013. Din l-allegazzjoni ma ntlaqgħetx billi l-konklużjonijiet mill-investigazzjoni dwar il-pannelli solari jirreferu għal dak il-perjodu ta' investigazzjoni, hekk kif din l-investigazzjoni tirreferi għall-perjodu ta' investigazzjoni tagħha stess. Fiż-żewġ każijiet it-tneħħija tal-limiti minimi seħħet wara tmiem iż-żewġ perjodi ta' investigazzjoni u għalhekk ma taffettwax l-użu tal-Artikolu 28 u s-sejbiet tal-investigazzjoni dwar il-pannelli solari bħala l-aħjar fatti disponibbli.

(116) Kollha minbarra waħda mill-kumpaniji fil-kampjun irċevew selfiet kemm mill-SOCBs kif ukoll mill-banek privati. Kumpanija waħda kienet qed tiġi iffinanzjata unikament mill-kumpanija ewlenija offshore tagħha u ma sar l-ebda self mill-banek stabbiliti fir-RPĊ.

(117) Wara l-iżvelar, kumpanija waħda fil-kampjun ma qablitx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni, u ddikjarat li l-Kummissjoni ma talbithiex tipprovdi l-klassifikazzjoni tal-kreditu indipendenti tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-kumpanija tipprovdi l-informazzjoni kollha dwar is-selfiet li rċeviet, iżda l-kumpanija ma pprovditx klassifikazzjoni tal-kreditu indipendenti. Jekk il-kumpanija kellha din l-informazzjoni f'dak il-waqt, minħabba l-allegazzjonijiet fl-ilment u l-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarju hija kien messha pprovdietha. U b'mod partikolari fid-dawl tal-informazzjoni fid-dokument ta' żvelar, jekk kellha klassifikazzjoni tal-kreditu indipendenti hija kien messha pprovdietha minnufih. Għalhekk dan l-argument ma ntlaqgħax.

(e) Kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(118) LArtikolu 6(b) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-benefiċċju fuq selfiet preferenzjali għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn l-ammont ta' imgħax imħallas u l-ammont li kien jitħallas għal self kummerċjali komparabbli li d-ditta setgħet tikseb fis-suq. Kif intqal hawn fuq, flimkien man-nuqqas ta' kull valutazzjoni tar-riskju sinifikanti, il-Kummissjoni stabbiliet valur referenzjarju tas-suq għal self kummerċjali paragunabbli.

(119) Il-benefiċċju ġie kkalkulat għall-PI bħala d-differenza bejn l-interessi effettivament imħallsa matul il-PI, u l-interess li kienu jitħallsu bl-użu tal-valur referenzjarju.

(120) Il-marġnijiet ikkalkulati ta' sussidju għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ibbażati fuq din il-metodoloġija huma kif ġej:

Selfiet preferenzjali	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	0 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	6,2 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	2,5 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	4,8 %

5.2. *Skemi oħra ta' self preferenzjali*

(121) L-ebda benefiċċju ma wasal mill-produtturi esportaturi fil-kampjun taħt **il-programmi dwar is-sussidju ta' esportazzjoni ta' kreditu, il-linji ta' kreditu, il-garanziji tal-esportazzjoni, il-programm "Green express"** jew bħala **benefiċċji permezz ta' aċċess għal kumpaniji holding offshore** matul il-PI.

6. **Programmi ta' għotjiet**

(122) Il-kumpaniji fil-kampjun ma rċevew l-ebda benefiċċju mill-programmi "Famous Brands" jew "China World Top Brands" matul il-PI.

6.1. *Programmi ta' għotjiet u għotjiet speċifiċi*

(a) Introduzzjoni

(123) Il-kumpaniji fil-kampjun irċevew għotjiet ta' darba sinifikanti minn diversi awtoritajiet tal-gvern f'ħafna livelli tal-gvern li wasslu biex dawn irċevew benefiċċju matul il-PI. Dawn kienu nstabu matul il-verifika tal-kumpaniji kkonċernati u ma ġewx żvelati fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mill-kumpaniji kkonċernati u lanqas ma ġew żvelati fir-risposta għall-kwestjonarju tal-GTĊ, kif mitlub. L-ilment allega li l-produtturi tal-ħġieġ solari irċevew dawn l-għotjiet ta' darba minn korpi tal-gvern provinċjali u lokali u li dawn taw benefiċċju billi l-flus waslu mingħajr konsiderazzjoni adegwata ([1]). In-Notifika ta' Bidu wkoll tistipula b'mod ċar li "l-programmi dwar l-għotjiet" huma prattika ta' sussidju użata biex tappoġġa l-industrija tal-ħġieġ solari.

(b) Bażi ġuridika

(124) Dawn l-għotjiet ingħataw lill-kumpaniji minn awtoritajiet nazzjonali, provinċjali, awtoritajiet tal-belt, jew tal-kontea jew awtoritajiet tal-gvern tad-distrett, u kollha dehru li kienu speċifiċi mal-kumpaniji kkonċernati, jew speċifiċi f'termini ta' lokazzjoni jew tip ta' industrija. Il-livell ta' dettall ġuridiku tal-liġi eżatta li taħtha ngħataw dawn il-benefiċċji, jekk kien hemm xi bażi ġuridika għalihom, normalment ma kienx jiġi żvelat għalkemm il-Kummissjoni kienet ta' spiss iżda mhux dejjem tingħata kopja ta' dokument maħruġ mill-awtorità tal-gvern li jakkumpanja l-għoti ta' fondi.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(125) Kumpanija waħda fil-kampjun rċeviet għotjiet matul il-IP miż-Żona ta' Żvilupp Ekonomiku li tinsab fiha. Dawn l-għotjiet ġew ikkalkolati miż-Żona ta' Żvilupp Ekonomiku għal 20 % ta' kull taxxa mħallsa mill-kumpanija lill-awtoritajiet lokali tat-taxxa, u koprew it-taxxa fuq l-introjtu korporattiva, it-taxxa fuq l-użu tal-art, u t-taxxa fuq l-introjtu ta' dividendi, fost oħrajn.

(126) Kumpaniji oħra fil-kampjun irċevew għotja sostanzjali fil-PI mill-gvern lokali biex tkopri l-ħlasijiet meħtieġa għall-konnessjoni tal-kumpanija mal-provvista tal-elettriku, li kieku kien ikollhom iħallsu huma stess. Din l-għotja ngħatat lill-kumpanija "bħala appoġġ għall-kumpaniji l-kbar stabbiliti fir-reġjun".

(127) Kumpanija oħra fil-kampjun irċeviet għotja diretta ta' CNY 25 miljun mill-fond tal-Kummissjoni tal-Iżvilupp u r-Riforma Nazzjonali (NDRC) għall-Aġġustament Industrijali għall-produzzjoni ta' ħġieġ solari ta' teknoloġija għolja. Din l-għotja diretta mill-Istat waslet fl-2006 u l-kumpanija qassmet 10 % tal-għotja fuq l-10 snin ta' wara. Għalhekk, ittieħdu CNY 2,5 miljun bħala benefiċċju matul il-PI.

([1]) Il-paġna 37 tal-verżjoni miftuħa tal-ilment tittratta għotjiet oħra tal-gvern allegati bħala sussidji.

(128) L-istess kumpanija kienet ukoll irriżervat fil-kontijiet tagħha għall-2012 għotjiet oħra mill-uffiċċji lokali tat-taxxa u minn korpi oħra tal-gvern lokali. Il-kumpanija ddikjarat li ħafna minn dawn l-għotjiet ma kinux trasferimenti diretti ta' flus minn dawn il-korpi lill-kumpanija, iżda rimborżi ta' ammonti mħallsa qabel mill-kumpanija lill-gvern. Billi ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza sodisfaċenti, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din l-ispjegazzjoni.

(129) Kumpanija oħra fil-kampjun irċeviet għotja diretta ta' CNY 15-il miljun qabel il-PI mill-gvern lokali u l-kumpanija qassmet 10 % tal-għotja fuq l-10 snin ta' wara. L-għotja tħallset lill-kumpanija għall-iżvilupp tal-industrija fotovoltajka (li tinkludi s-settur tal-ħġieġ solari), biex jiġi aċċellerat il-bini tal-bażi ta' manifattura avvanzata fiż-żona industrijali lokali u għall-implimentazzjoni bla xkiel ta' proġetti kbar.

(130) L-istess kumpanija rċeviet ukoll diversi għotjiet oħra qabel il-PI u allokat proporzjon tal-għotja għall-PI. Madankollu l-ebda dettalji rigward in-natura ta' dawn l-għotjiet ma ngħataw mill-kumpanija u fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, intużaw fatti disponibbli biex tkun tista' tinstilet konklużjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet fin-nuqqas ta' fatti oħra disponibbli, li dawn l-għotjiet huma speċifiċi għal din il-kumpanija; u li l-ammont tal-għotja allokat matul il-PI għandu jitqies bħala benefiċċju.

(d) Konklużjoni

(131) Il-GTĊ ġie mistieden jagħti aktar informazzjoni u jidħol f'konsultazzjonijiet dwar dawn l-għotjiet, iżda naqas milli jagħmel dan. Fuq il-bażi tal-evidenza miġbura fir-rigward tal-wasla ta' dawn l-għotjiet mill-kumpaniji fil-kampjun u fin-nuqqas ta' kull informazzjoni oħra, il-Kummissjoni kkunsidrat dawn l-għotjiet bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u (2) tar-Regolament bażiku billi sar trasferiment ta' fondi mill-GTĊ f'forma ta' għotjiet lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat u permezz ta' dan, ingħata benefiċċju.

(132) Dawn l-għotjiet huma wkoll speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikoli 4(2)(a) u 4(3) tar-Regolament bażiku billi dawn jidhru li huma limitati għal ċerti kumpaniji jew proġetti speċifiċi f'reġjuni speċifiċi, mogħtija biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' darba tal-kumpaniji fil-kampjun. Dawn l-għotjiet ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' nuqqas ta' speċifiċità tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku, minħabba li l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla attwali għall-intrapriżi biex ikunu eliġibbli mhumiex trasparenti, mhumiex oġġettivi u ma japplikawx awtomatikament. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li l-għotjiet jappartjenu lill-programm ta' sussidju globali.

(133) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-awtorità tal-Kummissjoni biex tinvestiga dawn l-għotjiet u l-analiżi tal-Kummissjoni tal-informazzjoni parzjali disponibbli lilha. Madankollu l-Kummissjoni analizzat bir-reqqa l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzali disponibbli mill-kumpaniji kkonċernati u fejn kien hemm prova kemm ta' benefiċċju kif ukoll li l-għotja kienet speċifika, l-għotja ġiet ikkumpensata.

(134) Fil-każijiet kollha l-kumpaniji pprovdew informazzjoni dwar l-ammont tal-għotja, u dwar min ipprovda l-għotja, anki jekk f'ċerti każijiet, il-kumpanija ma kellha l-ebda dokument biex tapprova l-bażi ġuridika li fuqha d-donatur kien ipprovda l-għotja. Il-kumpaniji kkonċernati bbukkjaw dan l-introjtu l-aktar taħt l-intestatura "introjtu missussidju" fil-kontijiet tagħhom u lil dawn il-kontijiet saritilhom verifika b'mod indipendenti. Dan ittieħed bħala evidenza pożittiva ta' sussidju li ta benefiċċju kompensatorju.

(135) Kumpanija waħda fil-kampjun ikkontestat ukoll l-awtorità tal-Kummissjoni li tinvestiga u tikkumpensa dawn l-għotjiet speċifiċi għall-kumpaniji għall-istess raġunijiet. Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni rrifjutat l-argument tagħhom u tenniet il-pożizzjoni tagħha li għandha l-awtorità li tinvestiga dawn l-għotjiet u li tikumpensahom fejn xieraq.

(e) Kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(136) It-tabella ta' hawn taħt turi l-kalkolu ta' benefiċċji għal dawn l-għotjiet stabbiliti hawn fuq, bil-benefiċċju meħud bħala l-ammont riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jew irreġistrat għall-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-ammont ġiet ddeprezzat mill-kumpanija kkonċernata.

Programmi Oħra ta' Għotjiet	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	1,1 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	2,9 %

Programmi Oħra ta' Għotjiet	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	1,1 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	3,0 %

7. **Programmi ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni diretta mit-taxxa**

7.1. *Il-programm "tnejn b'xejn, tlieta bin-nofs" għall-impriżi b'investiment barrani*

(a) Introduzzjoni

(137) Il-programm "tnejn b'xejn, tlieta bin-nofs" jintitola lill-intrapriżi b'investiment barrani (FIEs) li ma jħallsu l-ebda taxxa fuq l-introjtu korporattiva għall-ewwel sentejn, u li jħallsu biss 12,5 % minflok 25 % għat-tliet snin ta' wara.

(b) Bażi ġuridika

(138) Il-bażi ġuridika ta' dan il-programm hija l-Artikolu 8 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal intrapriżi b'Investiment Barrani u Intrapriżi Barranin (il-Liġi FIE dwar it-Taxxa) u l-Artikolu 72 tar-Regoli għall-Implementazzjoni tal-Liġi tat-Taxxa fuq l-Introjtu tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina dwar Intrapriżi b'Investiment Barrani u Intrapriżi Barranin. Skont il-GTĊ dan il-programm ġie tterminat skont l-Artikolu 57 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi (il-Liġi EIT) tal-2008 b'perjodu ta' tranżizzjoni sa tmiem l-2012. Il-liġi għalhekk tagħmilha ċara li jkun hemm benefiċċju b'din l-iskema fis-sena fiskali 2012.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(139) Din l-iskema "tnejn b'xejn, tliet bin-nofs" tat benefiċċji lill-kumpaniji matul is-sena finanzjarja 2012, li warajha, skont il-GTĊ, l-iskema ġiet irtirata.

(140) Waħda mill-kumpaniji fil-kampjun kienet intrapriża ta' sidien barranin li użaw din l-iskema tat-taxxa matul il-PI. Huma rċevew rata tat-taxxa korporattiva ta' 12,5 % minflok ir-rata sħiħa ta' 25 %, li kienet tidher fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva tagħhom għall-2012 u fil-kontijiet annwali tagħhom.

(141) Il-Kummissjoni żvelat dawn is-sejbiet lill-partijiet interessati, u rċeviet kummenti mingħand il-GTĊ filwaqt li ddikjarat li skont in-Notifika ta' Tranżizzjoni [1] il-benefiċċji kollha taħt din l-iskema jieqfu fl-2012. Il-GTĊ ddikjara li għalhekk jekk jiġu imposti miżuri kumpensatorji, l-ebda dazji ma setgħu jiġu imposti rigward il-benefiċċju li wieħed jirċievi taħt din l-iskema minn kumpanija waħda fil-kampjun matul il-PI. Dan l-argument huwa aċċettat, billi għal din il-kumpanija fil-kampjun, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda evidenza ta' xi benefiċċju kontinwu.

(d) Konklużjoni

(142) Minkejja li l-iskema "tnejn b'xejn, tlieta bin-nofs", ġiet ikkumpensata fir-Regolamenti preċedenti, għal din il-kumpanija waħda fil-kampjun il-Kummissjoni mhux se timponi dazju biex tikkumpensal-benefiċċju li nstab matul il-PI, billi l-Kummissjoni ma għandha l-ebda evidenza li għal din il-kumpanija waħda fil-kampjun l-iskema jew kull varjant tagħha tkun/ikun fis-seħħ fid-data li jiġu imposti dazji.

7.2. *Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida.*

(a) Introduzzjoni

(143) Dan il-programm jippermetti lill-kumpaniji li jirnexxielhom juru li jilħqu ċertu sett ta' kriterji rikonoxxuti bħala "Intrapriża ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida",li jirċievu tnaqqis sa 15 % fuq it-taxxa fuq l-introjtu korporattiva tagħhom, meta mqabbla mar-rata standard ta' 25 %.

[1] Notifika mill-Kunsill tal-Istat tar-RPĊ dwar l-Implimentazzjoni tal-Politiki Preferenzjali ta' Anterjorità skont il-Liġi tat-Taxxa għall-Intrapriżi tar-RPĊ [id-Digriet Nru [2007]39]

(b) Bażi ġuridika

(144) Il-bażi ġuridika ta' dan il-programm hija l-Artikolu 28(2) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi tal-2008 (il-liġi EIT), flimkien ma' "Miżuri Amministrattivi għad-Determinazzjoni tal-Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida" (Guo Ke Fa Huo [2008] Nru 172); u l-Artikolu 93 tar-Regolamenti dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi, flimkien mal-Avviż tal-Amministrazzjoni tal-Istat tat-Tassazzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-Ħlas tat-Taxxa fuq l-Inrojtu tal-Intrapriżi ta' Teknoloġija Għolja u Ġdida (Guo Shui Han [2008] Nru 985).

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(145) Din l-iskema tapplika għal Impriżi rikonoxxuti bħala ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida mill-Istat. Sabiex ikunu eliġibbli għal din l-iskema l-intrapriżi jkollhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali indipendenti u ċentrali u jridu jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin stabbiliti fil-bażi ġuridika u miġbura fil-qosor kif ġej:

(a) il-produzzjoni tagħhom hija inkluża fl-ambitu tal-prodotti fl-"Oqsma tat-Teknoloġija Avvanzata b'Appoġġ Importanti mill-Istat";

(b) l-ispejjeż totali tagħhom għar-R&Ż jammontaw għal 3-6 % tal-bejgħ totali tal-introjtu;

(c) l-introjtu tagħhom minn prodotti ta' teknoloġija avvanzata u ġdida jammonta għal aktar minn 60 % mill-introjtu totali mill-bejgħ;

(d) il-persunal involut fir-R&Ż jammonta għal 10 % tal-persunal totali;

(e) ir-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti mill-"Miżuri Amministrattivi tal-2008 għall-Impriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida" huma ssodisfati.

(146) Parti mill-kumpaniji fil-kampjun iżda mhux il-kumpaniji kollha nstabu li kienu qegħdin jużaw din l-iskema, u b'hekk kienu qed iħallsu biss 15 % tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiva aktar milli 25 %. Dawn il-kumpaniji kienu applikaw bħala Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida u rċevew notifika uffiċjali li kienu laħqu l-kriterji tal-iskema u li għalhekk kienu intitolati li jimlew id-dikarazzjoni tat-taxxa korporattiva tagħhom skont dan.

(d) Konklużjoni

(147) Bħal fil-Premessi minn 322 sa 326 tal-investigazzjoni dwar il-pannelli solari preċedenti, il-Kummissjoni tqis li din l-iskema hija sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) (ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul irrinunzjata mill-GTĊ u li tagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Il-benefiċċju għar-riċevituri huwa ugwali għat-tfaddil fiskali.

(148) Dan is-sussidju huwa speċifiku kif definit fl-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li huwa limitat għall-intrapriżi li jirċievu ċ-ċertifikazzjoni ta' Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida u jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-miżuri amministrattivi tal-2008. Il-kumpaniji fil-kampjun kkonċernati rċevew din iċ-ċertifikazzjoni. L-eliġibilità mhijiex awtomatika u l-ebda kriterji oġġettivi ma ġew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni jew mill-awtorità awtorizzanti.

(149) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, billi sostna li l-kriterji ta' eliġibbiltà kienu oġġettivi u japplikaw bl-istess mod għall-kumpaniji kollha fir-RPĊ. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-liġijiet u tal-miżuri ta' implementazzjoni mill-GTĊ, li juru li l-programm huwa limitat għal ċerti setturi u l-intrapriżi appoġġati mill-GTĊ fuq il-bażi ta' kriterji ma jidhrux oġġettivi u newtrali, bħal pereżempju li l-produzzjoni tagħhom hija inkluża fl-ambitu tal-prodotti fl-Oqsma ta' Teknoloġija Avvanzata b'Appoġġ Importanti mill-Istat".

(150) L-eliġibilità wkoll mhijiex awtomatika, iżda tiddependi mill-għoti ta' ċertifikat ta' Intrapriża ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida, li jinħareġ wara proċedura diskrezzjonali mill-awtorità kompetenti.

(151) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra dan is-sussidju bħala kumpensabbli.

(e) Kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(152) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidju kumpensabbli bħala d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa li normalment jitħallas matul il-PI u l-ammont ta' taxxa li attwalment jitħallas matul il-PI mill-kumpaniji kkonċernati.

Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida.	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	0 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	0 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	0,4 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	1,8 %

7.3. *Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi bejn l-intrapriżi residenti kkwalifikati*

(a) Introduzzjoni

(153) L-ilment allega li l-produtturi esportaturi tal-ħġieġ solari kienu qed jirċievu sussidji minn skema oħra ta' eżenzjoni ta' taxxa diretta, jiġifieri eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi bejn intrapriżi residenti kkwalifikati ([1]). Din taqa' taħt il-prattika ta' sussidju ġenerali ta' eżenzjonijiet u/jew tnaqqis tat-taxxa diretta fuq l-introjtu kif stipulat fin-Notifika ta' bidu.

(b) Bażi Ġuridika

(154) Il-bażijiet ġuridiċi ta' din l-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi huma l-Artikoli 25-26 tal-Liġi EIT u l-Artikolu 83 tar-Regolamenti dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu mill-Intrapriżi.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(155) Il-Kummissjoni sabet li kumpanija waħda fil-kampjun irċeviet eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi bejn l-intrapriżi residenti kkwalifikati. Din il-kumpanija applikat direttament fl-uffiċċju tat-tassazzjoni lokali għat-tnaqqis tad-dividendi miksuba minn investimenti ta' ekwità mill-introjtu taxxabbli.

(d) Konklużjoni

(156) Il-Kummissjoni tqis li dan huwa sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għaliex hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul irrinunzjata mill-GTĊ li tagħti benefiċċju lill-kumpanija kkonċernata. Il-benefiċċju għar-riċevitur huwa ugwali għat-tfaddil fiskali.

(157) Fid-dokument ta' żvelar il-Kummissjoni kienet iddikjarat li din l-iskema ta' sussidju hija speċifika skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku minħabba li l-leġiżlazzjoni tillimita l-aċċess għal din l-iskema lill-intrapriżi li huma residenti fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jkunu għamlu investimenti f'intrapriżi residenti oħra.

(158) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx ma' dawn il-konklużjonijiet, waqt li stqarr li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi bejn l-intrapriżi residenti kkwalifikati ma tistax titqies li hija speċifika billi l-Artikolu 26(3) tal-Liġi EIT jipprovdi li tali eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi hija wkoll disponibbli għal intrapriżi mhux residenti. Barra minn hekk, il-GTĊ stqarr li l-kriterji ta' eliġibilità huma oġġettivi u japplikaw għall-intrapriżi residenti kollha irrispettivament mill-industrija, prodott jew lokazzjoni ġeografika.

(159) Billi huwa veru li l-liġi EIT sottomessa mill-GTĊ f'dan il-proċediment tgħid fl-Artikolu 26(3) li tali eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi hija wkoll disponibbli għal intrapriżi mhux residenti, il-Kummissjoni tibqa' tal-opinjoni, madankollu, li din l-iskema ta' sussidju hija speċifika. Tabilħaqq, l-Artikolu 25 tal-liġi EIT jikkonferma li din l-eżenzjoni mit-taxxa hija riżervata għal industriji u proġetti mħeġġa mill-Istat. Għalhekk, huma biss l-industriji u l-proġetti mħeġġa li jistgħu jkollhom aċċess għal din l-iskema. Kif spjegat hawn fuq fit-Taqsima 5.1.(c), l-industrija tal-ħġieġ solari hija industrija mħeġġa.

(e) Kalkolu tal-ammont tas-sussidju

(160) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont tas-sussidju bħala d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa normalment miġbur matul il-PI u l-ammont ta' taxxa attwalment imħallas mill-kumpanija kkonċernata.

([1]) Il-paġni 52 u 53 tal-verżjoni miftuħa tal-ilment jittrattaw dan il-programm.

Skemi ta' taxxa fuq l-introjtu mid-dividendi	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	0 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	0 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	5,8 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	0 %

7.4. *Skemi oħra ta' eżenzjoni mit-taxxa diretta u programmi dwar it-tnaqqis*

(a) Introduzzjoni

(161) Barra mill-iskemi vvalutati fit-Taqsimiet 7.1–7.3, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' benefiċċji mogħtija lil kumpaniji fil-kampjun minn skemi ta' eżenzjoni mit-taxxa diretta u minn programmi dwar it-tnaqqis elenkati hawn fuq fit-Taqsima C(4). Madankollu, matul l-ispezzjonijiet tagħha l-Kummissjoni sabet żewġ skemi oħra ta' taxxa korporattiva inklużi fil-kontijiet ta' waħda mill-kumpaniji fil-kampjun, jiġifieri kumpensi ta' taxxa għall-ispejjeż tar-R&Ż u rifużjonijiet ta' taxxa fuq il-proprjetà tal-akkomodazzjoni u taxxa fuq l-użu tal-art. Dawn jaqgħu ukoll fl-"iskemi ta' eżenzjoni mit-taxxa diretta u l-iskemi ta' tnaqqis" kif deskritt fin-Notifika ta' bidu, bħala miżuri li permezz tagħhom l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu korporattiva mħallsa tnaqqset mill-awtorità tat-taxxa, jew fejn l-awtorità tat-taxxa ħallset lura taxxa fuq l-introjtu korporattiva diġà mħallsa. Il-kumpens ta' taxxa għall-ispejjeż tar-R&Ż huwa wkoll marbut mal-iskema ta' "kumpens ta' taxxa għall-attivitajiet ta' R&Ż għall-FIEs" elenkati hawn fuq taħt it-Taqsima C(4).

(b) Bażi Ġuridika

(162) Il-bażi ġuridika tal-kumpens tat-taxxa għall-ispejjeż tar-R&Ż hija l-Artikolu 30 tal-liġi Ċiniżi EIT.

(163) Għar-rifużjonijiet tat-taxxa fuq il-proprjetà tal-akkomodazzjoni u taxxa fuq l-użu tal-art, il-liġi eżatta li bihha ngħataw dawn il-benefiċċji ma kinitx żvelata, għalkemm il-Kummissjoni ngħatat kopja ta' Ċirkolari maħruġa mill-awtorità tal-gvern provinċjali li akkumpanjat l-eżenzjoni.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(164) Il-Kummissjoni sabet li waħda mill-kumpaniji fil-kampjun irċeviet kumpensi ta' taxxa għall-ispejjeż tar-R&Ż u rifużjonijiet ta' taxxa fuq il-proprjetà tal-akkomodazzjoni u taxxa fuq l-użu tal-art. Id-dokument maħruġ mill-awtorità tal-gvern provinċjali jillimita r-rifużjonijiet għal intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida li għadhom kemm ġew stabbiliti.

(d) Konklużjoni

(165) Rigward il-kumpensi għall-ispejjeż tar-R&Ż, il-Kummissjoni tqis li din l-iskema ta' sussidju hija speċifika minħabba li l-Artikolu 30 għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 25 tal-liġi EIT li jgħid li din l-eżenzjoni mit-taxxa hija riżervata għall-industriji u l-proġetti mħeġġa mill-Istat. Għalhekk, huma biss l-industriji u l-proġetti mħeġġa li jistgħu jkollhom aċċess għal din l-iskema. Kif spjegat hawn fuq fit-Taqsima 5.1.(c), l-industrija tal-ħġieġ solari hija industrija mħeġġa.

(166) Ir-rifużjonijiet tat-taxxa fuq il-proprjetà tal-akkomodazzjoni u tat-taxxa fuq l-użu tal-art kienu speċifiċi f'termini ta' lokazzjoni u tip ta' industrija. Il-GTĊ ġie mistieden jipprovdi aktar informazzjoni dwar dawn l-iskemi tat-taxxa wara talba għal konsultazzjonijiet ulterjuri iżda naqas milli jagħmel dan. Għalhekk, il-Kummissjoni pproċediet fuq il-bażi ta' evidenza miġbura rigward l-applikazzjoni ta' dawn l-iskemi tal-kumpanija fil-kampjun u fin-nuqqas ta' kull informazzjoni oħra disponibbli.

(167) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li stqarrew li l-Kummissjoni ma kienet żvelat l-ebda evidenza pożittiva dwar l-ispeċifiċità ta' dawn l-iskemi fid-dokument ta' żvelar. Informazzjoni dettaljata dwar l-ispeċifiċità ta' dawn l-iskemi ġiet żvelata biss lill-kumpanija kkonċernata u ma waslu l-ebda kummenti minghandha. Il-Kummissjoni poġġiet ukoll aktar informazzjoni dwar l-ispeċifiċità ta' dawn l-iskemi fil-premessi ta' hawn fuq.

(168) Il-Kummissjoni tqis li dawn l-iskemi huma sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku għax hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul irrinunzjat mill-GTĊ li tagħti benefiċċju lill-kumpanija kkonċernata. Il-benefiċċju għar-riċevitur huwa ugwali għat-tfaddil fiskali.

(e) Il-kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(169) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont tas-sussidju bħala d-differenza bejn l-ammont ta' taxxa normalment miġbur matul il-PI u l-ammont ta' taxxa attwalment imħallas mill-kumpanija kkonċernata.

Skemi ta' taxxa korporattiva	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	0 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	0 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	0,7 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	0 %

8. **Programmi dwar it-taxxa indiretta u t-tariffi ta' importazzjoni**

(170) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda benefiċċju mogħti lil xi kumpanija fil-kampjun għall-programmi dwar it-taxxa indiretta u t-tariffi ta' importazzjoni elenkati hawn fuq fit-Taqsima C(4).

9. **Il-forniment ta' prodotti u servizzi tal-gvern għal remunerazzjoni inqas minn adegwata**

9.1. *Il-forniment ta' antimonju; il-forniment ta' elettriku*

(171) Ma nstab l-ebda benefiċċju marbut max-xiri tal-antimonju jew tal-elettriku mill-kumpaniji fil-kampjun matul il-PI.

9.2. *Il-forniment tad-drittijiet tal-użu tal-art*

(a) Introduzzjoni

(172) Kif stabbilit ukoll fil-premessi minn 354 sa 370 tar-Regolament dwar il-pannelli solari, il-kumpaniji ma jistgħux jixtru l-art direttament fir-RPĊ, iżda jistgħu biss jixtru dritt għall-użu tal-art (LUR) mill-awtoritajiet lokali.

(b) Bażi ġuridika

(173) Il-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Art tar-RPĊ tiddikjara li l-art kollha tappartjeni lill-poplu, u ma tistax tinxtara jew tinbiegħ, iżda tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom id-drittijiet għall-użu tal-art jistgħu jinbiegħu lin-negozji permezz ta' offerta, stima jew irkant.

(c) Is-sejbiet tal-investigazzjoni

(174) Fil-prinċipju sistema ta' rkant tippermetti lis-suq jiġġudika l-prezz ta' dritt partikolari għall-użu ta' biċċa art, u għalhekk il-prezz jiġi stabbilit b'mod indipendenti. Madankollu, matul iż-żjara tal-Kummissjoni, il-GTĊ sostna li f'kull każ huma jistabbilixxu l-prezzijiet minimi għal kull grad ta' art (l-art hija ggradata minn 1 sa 15 ibbażata fuq il-kwalità ta' pakkett ta' art) u l-prezz tad-dritt tal-użu tal-art ma jistax ikun aktar baxx minnhom.

(175) Il-GTĊ jikkontrolla wkoll il-provvista tal-art, billi jirrestrinġi permezz ta' kwota ż-żona ta' art li għaliha d-drittijiet għall-użu tal-art jistgħu jinbiegħu għal skopijiet industrijali jew residenzjali, skont il-provinċja u skont is-sena.

(176) F'kull każ, għal kull xiri ta' dritt għall-użu tal-art mill-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' proċess ta' rkant li indipendentament stabbilixxa l-prezz tad-dritt għall-użu tal-art. Il-kumpanija li ngħatat l-art jew tat offerta tal-prezz tal-bidu, jew CNY 5 għal kull metru kwadru aktar mill-prezz tal-bidu, u, billi hi kienet l-uniku offerent, ingħatat id-dritt għall-użu tal-art.

(177) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, u ddikjara li kien hemm proċedura tal-irkant reali fil-bejgħ tad-drittijiet għall-użu tal-art għall-industrija fir-RPĊ.

(178) Il-GTĊ l-ewwel allega li kien hemm sistema reali ta' rkant minħabba li kulma l-gvern kien qed jagħmel kien li jiffissa prezz tal-bidu, bħal kull irkantatur. Dan l-argument ma ntlaqax, minħabba li rkant normalment jinvolvi l-prezz tal-bidu li jkun iffissat minn irkantatur indipendenti wara valutazzjoni indipendenti, li mhuwiex il-każ hawnhekk, billi s-sid tad-dritt għall-użu tal-art huwa wkoll l-irkantatur.

(179) Il-GTĊ mbagħad stqarr li l-prezzijiet minimi qegħdin hemm biex jiżguraw li l-prezz finali ma jaqax taħt "il-valur bażiku tas-suq" għad-dritt għall-użu tal-art. Ma ngħatat l-ebda evidenza biex issostni din id-dikjarazzjoni, li fiha nfisha hija ċirkolari, billi l-ammont ta' flus imħallas għad-dritt tal-użu tal-art (li l-gvern stabbilixxa) huwa mistenni li jkun il-prezz tas-suq (li fuqhom il-prezz mimimu huwa bbażat).

(180) Il-GTĊ mbagħad iddikjara li l-fatt li ma kienx hemm offerenti oħra fl-irkant "ma jistax ikun il-bażi għas-suppożizzjoni li l-LUR ma ġiex irkantat". Il-konklużjoni minn din l-evidenza hija eżattament l-oppost. Il-GTĊ, minkejja talbiet, ma pprovdiex evidenza fir-rigward ta' dritt wieħed għall-użu tal-art li ġie pprezzat bi rkant kompetittiv, u għalhekk l-effett ta' dan il-proċess huwa li l-gvern jistabbilixxi l-prezz u l-kumpanija tħallas dan il-prezz. Filwaqt li diversi offerenti jistgħu ma jkunux ħtieġa assoluta f'kull istanza sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' sistema bbażata fuq is-suq, in-nuqqas totali ta' diversi offerenti, li nstab li kien il-każ fir-rigward tal-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun, huwa indikazzjoni qawwija ta' nuqqas ta' prezzijiet tas-suq reali.

(181) Fil-każ fejn kumpanija waħda fil-kampjun ħallset CNY 5 għal kull metru kwadru aktar mill-prezz stabbilit mill-gvern, il-kumpanija ddikjarat lill-Kummissjoni li hija ġiet imġiegħla tagħmel dan mill-awtorità kompetenti għas-sempliċi raġuni biex tagħti d-dehra bħallikieku kien sar xi rkant. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tqis dan il-fatt bħala evidenza pożittiva li jeżisti suq għall-bejgħ ta' drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ.

(182) Għalhekk il-kumpaniji fil-kampjun ħallsu l-prezz stabbilit mill-GTĊ. Kif stabbilit ukoll fir-Regolament dwar il-pannelli solari (fil-Premessi minn 361 sa 370), id-dritt għall-użu tal-art huwa pprovdut f'inqas minn remunerazzjoni adegwata meta mqabbel ma' valur referenzjarju fis-suq, li huwa stabbilit fit-Taqsima (e) hawn taħt.

(d) Konklużjoni

(183) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tad-drittijiet għall-użu tal-art mill-GTĊ għandu jitqies bħala sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, fil-forma ta' provvista ta' oġġetti li jagħtu benefiċċju lill-kumpaniji li jirċevuhom. Peress li l-investigazzjoni ma wrietx l-eżistenza ta' suq li jiffunzjona fir-rigward ta' bejgħ tad-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ l-użu ta' valur referenzjarju estern (ara t-Taqsima (e) hawn taħt) juri li l-ammont imħallas għad-drittijiet għall-użu tal-art mill-esportaturi fil-kampjun huwa taħt ir-rata tas-suq.

(184) Is-sussidju huwa speċifiku skont l-Artikoli 4(2)(a) u 4(2)(c) tar-Regolament bażiku billi d-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat teħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jiżguraw li l-art hija pprovduta lill-industriji mħeġġa, u l-industrija tal-ħġieġ solari hija waħda minnhom. L-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Nru 40 jagħmilha ċara li l-industriji li huma "ristretti" ma jkollhomx aċċess għad-drittijiet għall-użu tal-art.

(185) Is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-art fir-RPĊ hija diskussa wkoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-FMI li jikkonferma li l-għoti ta' LUR lill-industriji Ċiniżi ma jirrispettax il-kundizzjonijiet tas-suq ([1]).

(186) Il-GTĊ ma qabilx mas-sejba ta' speċifiċità waqt li stqarr li r-restrizzjonijiet fid-Deċiżjoni Nru 40 ma jistgħux jintużaw bħala prova ta' għoti speċifiku ta' benefiċċju. Dan l-argument ma ntlaqax billi l-effett tad-Deċiżjoni Nru 40 huwa li jingħataw id-drittijiet għall-użu tal-art lill-industriji mħeġġa. Il-produzzjoni ta' ħġieġ solari hija industrija mħeġġa u għalhekk l-għoti ta' drittijiet għall-użu tal-art lill-manifatturi tal-ħġieġ solari huwa inkluż fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 40.

(187) Kumpanija waħda fil-kampjun ikkontestat ukoll is-sejbiet tal-Kummissjoni, filwaqt li ddikjarat li kien hemm suq tad-drittijiet għall-użu tal-art li jiffunzjona fiċ-Ċina. Madankollu l-valutazzjoni tagħhom fir-rigward tal-proċess tad-dritt għall-użu tal-art fiċ-Ċina ma tirriżultax fil-konklużjoni tagħhom. Xorta ma kinux kapaċi juru li l-LURs jiġu indipendentement ivvalutati; li huma mibjugħa minn irkantatur indipendenti; li l-prezz tal-LUR huwa stabbilit mis-suq b'riżultat ta' proċess kompetittiv ta' offerti u li l-ebda prezz ma huwa mxekkel mill-appoġġ tal-gvern.

([1]) Dokument ta' Ħidma tal-FMI (WP/12/100), An End to China's Imbalances (Tmiem l-Iżbilanċi fiċ-Ċina), April 2012, p. 12.

(188) Il-kumpanija fil-kampjun imbagħad iddikjarat li minkejja li l-Kummissjoni kien messha skopriet li kien hemm suq li jiffunzjona, u għalhekk l-ebda sussidju, il-Kummissjoni għandha tqabbel il-prezz ta' LUR tal-kumpanija ma' valur indikattiv, jiġifieri mal-prezzijiet tal-LUR fil-provinċja li fiha l-kumpanija kienet tinsab. Peress li l-Kummissjoni stabbilixxiet li ma kien hemm l-ebda valur referenzjarju tas-suq xieraq f'dik il-provinċja, dan l-argument ma ntlaqax.

(e) Kalkolu tal-marġni tas-sussidju

(189) Il-benefiċċju għalhekk huwa d-differenza bejn il-prezz imħallas għad-dritt għall-użu tal-art, u valur referenzjarju estern xieraq. Bħal fir-Regolament tal-pannelli solari, dan il-valur referenzjarju estern huwa l-prezz tas-suq għall-art fit-territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu (it-Tajpej Ċiniża).

(190) Wara l-iżvelar il-GTĊ ma qabilx mal-użu tat-Tajpej Ċiniża bħala valur referenzjarju u talab aktar informazzjoni dwar ir-raġuni għalfejn it-Tajpej Ċiniża kienet xierqa. Kif spjegat fil-premessa 467 tar-Regolament dwar il-pannelli solari, il-Kummissjoni tqis lit-Tajpej Ċiniża bħala valur referenzjarju estern xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-livell komparabbli ta' żvilupp ekonomiku, il-PDG u l-istruttura ekonomika fit-Tajpej Ċiniża u f'maġġoranza ta' provinċji u bliet fir-RPĊ fejn il-produtturi esportaturi fil-kampjun huma bbażati;

(b) Il-prossimità fiżika tar-RPĊ u t-Tajpej Ċiniża;

(c) il-livell għoli ta' infrastruttura industrijali kemm fit-Tajpej Ċiniża kif ukoll f'ħafna provinċji tar-RPĊ;

(d) ir-rabtiet ekonomiċi b'saħħithom u l-kummerċ transfruntier bejn it-Tajpej Ċiniża u r-RPĊ;

(e) id-densità għolja tal-popolazzjoni f'ħafna mill-provinċji tar-RPĊ u fit-Tajpej Ċiniża;

(f) is-similarità bejn it-tip ta' art u t-tranżazzjonijiet użati biex jiġi stabbilit il-valur referenzjarju fit-Tajpej Ċiniża u dawk fir-RPĊ; kif ukoll

(g) il-karatteristiċi demografiċi, lingwistiċi u kulturali komuni bejn it-Tajpej Ċiniża u r-RPĊ.

(191) Filwaqt li jitqiesu dawn il-fatturi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tad-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ, jekk il-kondizzjonijiet tas-suq jipprevalu, għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, ikunu simili ħafna għal prezzijiet tal-art fit-Tajpej Ċiniża.

(192) Kumpanija waħda fil-kampjun issuġġerixxiet li jekk kellu jittieħed valur referenzjarju estern, allura jrid jiġi kkunsidrat il-PDG tal-provinċja li fiha kienu jinsabu u l-valur referenzjarju għandu jkun "il-prezzijiet tal-art attwali fl-Eġittu, l-Armenja, il-Gwatemala, il-Kongo, il-Mongolja jew l-Indoneżja" billi dawn il-pajjiżi kienu fi "grad simili ta' żvilupp". Din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx għar-raġunijiet li ġejjin.

(a) Il-livell tal-iżvilupp ekonomiku mhuwiex l-uniku fattur elenkat hawn fuq li jispjega għalfejn it-Tajpej Ċiniża kienet valur referenzjarju adattat;

(b) il-kumpanija semmiet il-provinċja fejn hija kienet tinsab, minflok il-belt, billi kellha PDG *per capita* ħafna ogħla mill-provinċja ta' madwarha; u

(c) huma ma ressqu l-ebda argument ieħor għajr dak li jirrigwarda l-PDG, bħala r-raġuni għalfejn kull valur referenzjarju estern ieħor ikun aktar xieraq mit-Tajpej Ċiniża.

(193) Kumpanija oħra fil-kampjun issuġġerixxiet wara l-iżvelar li l-użu tat-Tajpej Ċiniża ma kienx adattat għall-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-provinċja partikolari li fiha kienu jinsabu, iżda ma ssuġġeriet l-ebda alternattiva oħra. Minħabba n-nuqqas ta' suġġerimenti għal valur referenzjarju alternattiv, l-użu tat-Tajpej Ċiniża ġie kkonfermat.

(194) Il-prezzijiet medji tal-art fit-Tajpej Ċiniża għall-2012 ittieħdu mill-Uffiċċju Industrijali tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u ġew aġġustati lura għall-inflazzjoni u t-tkabbir tal-PDG biex jiġi ffissat prezz referenzjarju għall-art għal kull sena kalendarja. Billi d-drittijiet għall-użu tal-art huma validi għal 50 sena u deprezzati fuq din il-bażi, il-benefiċċju fil-PI ikun 1/50 tad-differenza bejn il-prezz referenzjarju u l-prezz attwalment imħallas.

(195) Ir-rata tas-sussidju stabbilita għall-forniment tal-art b'remunerazzjoni li hi inqas minn adegwata hija kif ġej:

L-għoti tal-art li hija inqas minn adegwata	
Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	2,1 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	8,0 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	2,3 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	7,1 %

10. **Konklużjoni dwar is-sussidju**

(196) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammonti ta' sussidji kumpensatorji bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għall-kumpaniji investigati skema bi iskema, u żiedet dawn iċ-ċifri flimkien biex tikkalkula l-ammont ta' sussidju totali tal-kumpanija kollha għall-PI.

(197) Biex jiġi kkalkolat it-total tal-marġnijiet tas-sussidji hawn taħt, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkolat il-perċentwali tas-sussidju, li huwa l-ammont tas-sussidju fuq it-totali tal-fatturat tal-kumpanija. Dan il-perċentwali mbagħad intuża biex jiġi kkalkolat is-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI.

(198) L-ammont ta' sussidju għal kull metru kwadru tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-PI mbagħad ġie ikkalkolat u l-marġnijiet ta' taħt ikkalkolati bħala perċentwali tal-valur CIF tal-istess esportazzjonijiet għal kull metru kwadru.

(199) Wara l-iżvelar il-GTĊ kkummenta li l-Kummissjoni ma qisitx il-marġnijiet ta' dumping ikkalkolati fil-proċediment antidumping parallel meta ppubblikat il-marġnijiet ta' sussidju fil-ħin tal-iżvelar, u li l-Kummissjoni ttrattat biss il-kwistjoni tal-"għadd doppju" meta ġie kkalkolat id-dazju li għandu jiġi impost.

(200) Il-GTĊ talab li meta sussidju nstab li jikkawża dumping, il-kalkoli tal-marġni flimkien mal-kalkoli tad-dazju għandhom jirriflettu dan.

(201) Minħabba li l-miżuri f'dan il-każ huma limitati bil-marġni ta' ħsara, tali manipulazzjoni ma tbiddilx id-dazji attwali imposti. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tqisx meħtieġ li tindirizza s-sustanza ta' dawn il-pretensjonijiet.

Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	3,2 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	17,1 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	12,8 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	16,7 %

D. **DANNU**

1. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(202) Tmien produtturi li manifatturaw il-prodott simili fl-Unjoni matul il-PI ppreżentaw ruħhom wara t-tnedija. Il-Kummissjoni mhijiex konxja ta' produtturi oħra tal-Unjoni tal-prodott simili. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li dawk it-tmien produtturi jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".

(203) L-informazzjoni kollha disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, id-dejta makroekonomika pprovduta mill-assoċjazzjoni tal-industrija tal-Unjoni (Glass for Europe) u t-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, intużat sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali

tal-Unjoni għall-PI. Għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, id-dejta ġiet kontroverifikata mat-tweġibiet tal-kwestjonarju. Fuq din il-bażi, il-produzzjoni totali tal-Unjoni ġiet stmata għal madwar 21 734 000 metru kwadru waqt il-PI.

(204) Wara l-iżvelar, il-GTĊ nnota d-differenzi bejn id-dejta kkwotata fid-dokument ta' żvelar u dik li tinsab fl-ilment li tikkonċerna l-industrija tal-Unjoni. Huwa argumenta wkoll li dan jindika n-nuqqas ta' evidenza kredibbli u oġġettiva u jirrendi l-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dubjużi.

(205) Id-differenzi stabbiliti mill-GTĊ bejn id-dejta mill-ilmenti u d-dokument ta' żvelar huma kkawżati mill-fatt li d-dejta kollha relatata mal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġiet verifikata fil-post u ġiet aġġornata fejn meħtieġ. Billi l-kampjun jirrappreżenta 79 % tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument li l-evidenza użata ma kinitx objettiv u bażi kredibbli li fuqhom il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet tagħha.

2. **Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni**

(206) L-ebda produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma kienet maħsuba għal użu ristrett. Konsegwentement, ma kien hemm l-ebda bżonn li ssir analiżi distintiva ta' bejgħ ristrett.

3. **Konsum tal-Unjoni**

(207) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-bejgħ totali tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha tal-Unjoni, jiġifieri wara li jitnaqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom, u jiżdiedu l-importazzjonijiet mir-RPĊ u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra. L-istabbiliment tal-konsum tal-Unjoni kien ibbażat fuq id-dejta provduta mill-ilmentatur u minn Glass for Europe u, fejn possibbli, kontroverifikat mat-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(208) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (1 000 m^2)

	2009	2010	2011	PI
Konsum totali tal-Unjoni	16 596	28 239	33 993	27 412
Indiċi	*100*	*170*	*205*	*165*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(209) Fil-perjodu kkunsidrat, il-konsum totali tal-Unjoni żdied b'65 % bejn l-2009 u l-PI, iżda naqas fil-PI meta mqabbel mal-2011. Madankollu, il-konsum fl-2012 baqa' b'mod sinifikanti 'l fuq mil-livell tal-2009. Dan huwa prinċipalment minħabba ż-żieda fil-konsum tal-prodotti finali, b'mod partikolari l-moduli solari (ara t-Taqsima E.2.3 ta' hawn taħt).

4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat*

(210) Billi l-ħġieġ solari huwa importat fl-Unjoni taħt il-kodiċi NM 7007 19 80 – Oħrajn - Ħġieġ għas-sigurtà laminat, li jkopri prodotti oħra mhux soġġetti għall-investigazzjoni preżenti, ma setgħetx tintuża l-Eurostat biex jiġu determinati l-volumi u l-valuri tal-importazzjonijiet. Il-volumi u l-valuri tal-importazzjonijiet kienu bbażati fuq id-dejta provduta mill-ilmentatur u minn Glass for Europe. L-importazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum tal-importazzjoni (1 000 m^2) u s-sehem mis-suq

	2009	2010	2011	PI
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ (1 000 m^2)	1 200	2 050	6 150	8 350
Indiċi	*100*	*171*	*513*	*696*

	2009	2010	2011	PI
Sehem mis-suq	7,2 %	7,3 %	18,1 %	30,5 %
Indiċi	*100*	*100*	*250*	*421*

Sors: Glass for Europe u l-ilmentatur.

(211) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi ta' importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni żdiedu b'mod konsiderevoli b'596 %. Dan wassal għal żieda sinifikanti tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni (żieda minn 7,2 % għal 30,5 %).

(212) Il-konsum fl-Unjoni żdied ukoll sal-2012. Fl-2012, meta s-suq tal-Unjoni naqas, il-produtturi esportaturi Ċiniżi setgħu madankollu xorta waħda jżidu l-volum ta' importazzjonijiet totali tagħhom.

(213) Wara l-iżvelar, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni użat dejta esaġerata ħafna, filwaqt li wieħed jista' jargumenta li l-istatistika tal-esportazzjoni Ċiniża wriet ħafna inqas esportazzjonijiet fil-PI meta mqabbla mal-volum tal-importazzjonijiet iddikjarat fid-dokument ta' żvelar u talab spjegazzjoni dwar kif dawn il-volumi ġew ikkalkulati.

(214) Il-Kummissjoni l-ewwel tosserva li l-istatistika tal-esportazzjonijiet sottomessa mill-GTĊ - inklużi t-tipi kollha ta' ħġieġ ittemprat - huma aktar minn 2,5 darbiet inqas minn dak li l-istatistika mill-Eurostat turi għall-kodiċi NM ex 7007 19 80 kollu għall-2012. Konsegwentement, ma tistax tikkkunsidrahom bħala raġonevolment affidabbli.

(215) Il-Kummissjoni bbażat il-kalkoli tagħha fuq l-informazzjoni mogħtija mill-ilmentatur u minn Glass for Europe. Din id-dejta hija disponibbli fil-fajl mhux kunfidenzjali. Il-Kummissjoni kkontroverifikat din l-informazzjoni mad-dejta verifikata pprovduta mill-produtturi esportaturi fil-kampjun u mill-produtturi esportaturi l-oħra li qed jikkooperaw. Kif imsemmi fit-Taqsima A3.3 hawn fuq, il-produtturi esportaturi li kkooperaw koprew kważi 100 % tal-esportazzjonijiet irrappurtati ta' ħġieġ solari lejn l-Unjoni matul l-2012. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda raġuni biex temmen li l-informazzjoni li fuqha bbażat is-sejbiet tagħha hija żbaljata. Barra minn hekk, il-GTĊ ma pprovdiex evidenza biex jissostanzja t-talba tiegħu.

4.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(216) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/m^2)

	2009	2010	2011	PI
RPĊ	6,02	6,10	4,96	4,38
Indiċi	*100*	*101*	*82*	*73*

Sors: tweġibiet tal-ilmentatur u tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-kwestjonarju.

(217) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat naqas matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet naqas b'27,2 %, minn EUR 6,02/m^2 fl-2009 għal EUR 4,38/m^2 fil-PI.

(218) Sabiex jiġi determinat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-PI, il-prezzijiet medji tal-bejgħ ponderati skont it-tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal-livell tal-prezz mill-fabbrika, tqabblu mal-prezzijiet medji ponderati korrispondenti skont it-tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun sal-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti 'l fuq, jiġifieri EUR 0,40/m^2 għall-approvazzjoni doganali, il-kostijiet tal-ġarr u t-tagħbija u 3 % dazju tal-importazzjoni. Dawk l-aġġustamenti jżidu l-prezz, skont in-numru ta' kontroll tal-prodott, minn 7 % għal 15 %, jiġifieri, medja ponderata ta' 11 %.

(219) Dan it-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip tal-prodott b'tip tal-prodott għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, debitament aġġustat kif stabbilit fil-premessa hawn fuq, u wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet.

Ir-riżultat tat-tqabbil, meta espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-PI, wera marġni ta' twaqqigħ b'medja ponderata għal kull kumpanija ta' bejn 10,6 % u 26,7 % tal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mill-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat.

5. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(220) Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkonċernat.

(221) Kif spjegat fit-Taqsima A.3.2 hawn fuq, it-teħid ta' kampjuni intuża għall-eżami tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(222) Għall-iskop tal-analiżi tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi makroekonomiċi għall-perjodu kkunsidrat fuq il-bażi tad-dejta pprovduta minn Glass for Europe u l-ilmentatur relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(223) Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, l-indikaturi makroekonomiċi li ġejjin ġew ivvalutati: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni ta' sussidju u l-irkupru minn sussidju preċedenti.

(224) L-indikaturi mikroekonomiċi li ġejjin ġew ivvalutati: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost unitarju, il-kostijiet tax-xogħol, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital.

(225) Produttur esportatur wieħed iddikjara li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-analiżi tad-dannu f'konformità mal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku billi wettqet l-analiżi tad-dannu fuq il-bażi ta' żewġ settijiet ta' dejta separati u allegatament inkonsistenti, jiġifieri l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Hija ssostni wkoll li l-allegata inkonsistenza tal-analiżi bbażata fuq żewġ settijiet ta' dejta toħloq dubji serji dwar il-korrettezza, l-imparzjalità u l-oġġettività tal-istampa ġenerali tad-dannu.

(226) L-istess parti kkwotat għadd ta' investigazzjonijiet preċedenti fejn allegatament l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ddefinixxew b'mod inkonsistenti settijiet differenti ta' dejta bħala li jappartjenu jew lil dejta makro jew mikro.

(227) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dan l-argument. Din hija metodoloġija applikabbli f'każijiet ta' teħid ta' kampjuni sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u biex jitqiesu mhux biss ix-xejriet murija mill-kampjun iżda wkoll ix-xejriet mill-industrija tal-Unjoni in ġenerali. Il-fatturi kollha preskritti fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku ġew ikkunsidrati fl-analiżi. Il-konklużjoni dwar il-ħsara nstiltet ukoll fuq il-bażi tagħhom kollha. Għaldaqstant, l-analiżi tad-dannu tmexxiet skont l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku.

6. **Indikaturi makroekonomiċi**

6.1. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(228) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 4

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2009	2010	2011	PI
Il-kapaċità ta' produzzjoni (1 000 m^2)	39 000	44 611	48 511	54 615
Indiċi 2009	*100*	*114*	*124*	*140*
il-kapaċità ta' produzzjoni (1 000 m^2)	17 540	29 245	31 245	21 734
Indiċi	*100*	*167*	*178*	*124*
Użu tal-kapaċità	45 %	66 %	64 %	40 %
Indiċi	*100*	*146*	*143*	*88*

Sors: tweġibiet tal-ilmentatur u tal-produtturi tal-Unjoni għall-kwestjonarju.

(229) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet matul il-perjodu kkunsidrat, f'konformità mal-konsum. Diġà fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità ta' produzzjoni żejda. Minħabba tkabbir rapidu tal-konsum tal-Unjoni, il-kapaċità żejda naqset sal-2011, billi l-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni — għalkemm qed tikber — kibret inqas malajr mill-konsum tal-Unjoni. Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet tikber fl-2012, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas. Il-produzzjoni kibret bejn l-2009 u l-2011, u mbagħad naqset bi 30 % fil-PI. Minħabba l-kapaċitajiet eżistenti, l-industrija tal-Unjoni tista' tixpruna l-produzzjoni biex tilħaq it-tkabbir qawwi fid-domanda tal-Unjoni sal-2011. Fl-istess ħin, bħala reazzjoni għat-tkabbir osservat mill-2009 sal-2011, l-industrija tal-Unjoni żiedet il-kapaċitajiet tagħha, li daħlu fil-produzzjoni parzjalment biss fil-PI. Dan irriżulta f'waqgħa f'daqqa tal-użu tal-kapaċità fil-PI, meta mqabbel mas-snin ta' qabel.

(230) Anki jekk matul il-perjodu kkunsidrat l-industrija tal-Unjoni espandiet il-kapaċità tagħha b'reazzjoni għal żieda fil-konsum, il-livelli ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'rata inqas minn dik tal-konsum u l-użu tal-kapaċità wara żieda sostanzjali fl-ewwel tliet snin tal-perjodu kkunsidrat, naqas matul il-perjodu ta' investigazzjoni, waqt li ħabat ma' żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat u l-kompetizzjoni inġusta tal-industrija tal-Unjoni li ffaċċaw il-klijenti tal-utenti ewlenin fis-settur tal-pannelli solari minħabba d-dumping u s-sussidju Ċiniżi stabbiliti f'dak is-settur ukoll.

6.2. *Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq*

(231) Il-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2009	2010	2011	PI
Volum ta' bejgħ (1 000 m^2)	14 696	25 303	26 556	18 039
Indiċi	*100*	*172*	*181*	*123*
Sehem mis-suq	88,6 %	89,6 %	78,1 %	65,8 %
Indiċi	*100*	*101*	*88*	*74*

Sors: Glass for Europe, l-ilmentatur u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(232) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 22,7 %. Madankollu, fil-kuntest ta' żieda fil-konsum tal-Unjoni b'65 %, dan irriżulta fi tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 88,6 % fl-2009 għal 65,8 % matul il-PI, jiġifieri tnaqqis ta' 25,7 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied ħafna inqas mill-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat. Konsegwentement, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jibbenefikaw bis-sħiħ mill-konsum li kien qed jiżdied u għalhekk is-sehem mis-suq tagħhom naqas matul il-perjodu kkunsidrat.

6.3. *It-tkabbir*

(233) It-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni huwa rifless fl-indikaturi tal-volum tagħha, bħalma huma l-produzzjoni, il-bejgħ, u s-sehem mis-suq tagħha, meta mqabbla mal-iżviluppi fil-konsum. Minkejja ż-żieda fil-konsum matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni ma kibrux f'konformità mal-konsum. Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat Matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdied bi 321 %. Il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika b'mod sħiħ mit-tkabbir tas-suq kellu impatt negattiv b'mod ġenerali fuq is-sitwazzjoni ekonomika.

6.4. *L-impjiegi u l-produttività*

(234) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

L-impjiegi u l-produttività

	2009	2010	2011	PI
Impjiegi — Ekwivalenti għall-full time (FTE)	565	792	932	857
Indiċi	*100*	*140*	*165*	*152*

	2009	2010	2011	PI
Produttività (1 000 m^2/FTE)	31	37	34	25
Indiċi	*100*	*119*	*108*	*82*

Sors: tweġibiet tal-ilmentatur u tal-produtturi tal-Unjoni għall-kwestjonarju.

(235) B'mod ġenerali, l-impjieġ żdied bi 52 % bejn l-2009 u l-PI. Madankollu, iż-żieda seħħet fil-perjodu sal-2011 meta laħqet l-ogħla livell tagħha ta' 932 ekwivalenti għall-full-time (FTE) u sussegwentement naqset għal 857 FTE matul il-PI. Il-produttività żdiedet ftit li xejn fl-2010 u fl-2011 meta mqabbla mal-2009. Dan huwa parzjalment minħabba li l-produzzjoni tal-prodott simili hija awtomatizzata ħafna u teħtieġ għadd żgħir ta' persunal. Madankollu, matul il-PI hija naqset b'24,4 % meta mqabbla mal-2011. Dan kien riżultat tat-tnaqqis b'madwar 30 % fil-produzzjoni matul l-istess perjodu, li kellu impatt negattiv fuq l-utilizzazzjoni tal-impatt.

(236) Għaldaqstant, l-impjiegi naqsu matul il-PI, b'reazzjoni għax-xejra fil-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodott simili matul il-PI.

6.5. *Id-daqs tal-marġni ta' sussidju u l-irkupru minn sussidju preċedenti*

(237) Il-marġnijiet tas-sussidju kollha huma sinifikament ogħla mil-livell *de minimis*. Minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, l-impatt tad-daqs tal-marġni attwali ta' sussidju fuq l-industrija tal-Unjoni jista' jitqies bħala wieħed sostanzjali.

(238) Billi din hija l-ewwel investigazzjoni antidumping fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, l-irkupru minn sussidju preċedenti mhuwiex kwistjoni fil-valutazzjoni.

7. **Indikaturi mikroekonomiċi**

(239) Kif indikat hawn fuq, l-indikaturi mikroekonomiċi jiġu analizzati fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju pprovdut mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Għall-maġġoranza tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, l-2009 kienet is-sena meta huma għamlu l-investimenti inizjali tagħhom u bdew il-produzzjoni tal-prodott simili. Għalkemm il-maġġoranza ta' produtturi tal-Unjoni li fil-kampjun kienu fin-negozju tal-ħġieġ qabel, il-kumpaniji kollha kellhom jinvestu f'faċilitajiet apposta tal-ħġieġ solari, li huma kompletament indipendenti mill-produzzjoni tal-ħġieġ normali, billi l-purità u l-kontenut tal-ħadid tal-ħġieġ kif ukoll il-kwalità globali huma differenti ħafna. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-ħġieġ jiġi ttemprat li mhuwiex il-każ għal ħġieġ ordinarju. Fl-aħħar nett, jiżdied ukoll il-kisi. Għaldaqstant, l-indikaturi kollha analizzati hawn taħt huma influwenzati b'mod sinifikanti minn din il-fażi ta' bidu fl-2009. Sabiex juru x-xejriet mingħajr l-impatt distorsiv tal-fażi ta' bidu tal-kumpaniji fil-kampjun, l-indiċijiet huma murija wkoll mill-2010.

7.1. *Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(240) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Prezzijiet medji tal-bejgħ fl-Unjoni

	2009	2010	2011	PI
Prezz medju ta' bejgħ ta' unità fis-suq tal-Unjoni (EUR/m^2)	10,64	9,07	8,91	8,20
Indiċi 2009	*100*	*85*	*84*	*77*
Indiċi 2010	*117*	*100*	*98*	*90*
Kost tal-unità tal-produzzjoni (EUR/m^2)	13,13	8,38	8,44	9,34
Indiċi 2009	*100*	*64*	*64*	*71*
Indiċi 2010	*157*	*100*	*101*	*112*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(241) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità komplew jaqgħu matul il-perjodu kkunsidrat, iżda t-tnaqqis fil-prezzijiet kien partikolarment sinifikanti matul il-PI meta naqsu b'7,9 % meta mqabbla mal-2011, b'9,5 % meta mqabbla mal-2010 u bi 23 % meta mqabbla mal-2009. It-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni kienet aktar bil-mod milli tendenza li ġiet osservata għall-prezzijiet tal-bejgħ tal-prodotti importati mill-pajjiż ikkonċernat. Pereżempju, it-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi kien ta' 11 % bejn l-2011 u l-2012, filwaqt li l-prezzijiet tal-Unjoni naqsu bi 8 % matul l-istess perjodu.

(242) Minkejja d-differenza kbira bejn il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, kif spjegat fit-Taqsima D.4.2 hawn fuq, it-tnaqqis attwali abbażi ta' tqabbil skont it-tip ta' prodott kien ħafna inqas, jiġifieri bejn 10,6 % u 26,7 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dan huwa minħabba li mhux it-tipi kollha ta' prodotti li ġew prodotti mill-industrija tal-Unjoni kienu esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun.

(243) Wara l-iżvelar, il-GTĊ argumenta li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-differenza bejn it-tipi ta' prodotti esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u dawk mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni meta evalwat il-prezzijiet medji Ċiniżi. Il-fatt li ssemmiet il-kwistjoni li kien hemm differenza kbira bejn il-prezz medju ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-prezz medju ta' bejgħ tal-produtturi esportaturi Ċiniżi allegatament wassal għal preżentazzjoni mgħawġa tal-fatti minħabba d-differenza bejn il-prezzijiet ta' bejgħ tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(244) Kif indikat hawn fuq, il-Kummissjoni għamlet paragun dettaljat għal kull tip ta' prodott għall-iskop ta' twaqqigħ fil-prezz li huwa mingħajr dubju parti mill-analiżi tad-dannu. Flimkien ma' dan, hija indikat b'mod ċar il-kawża tad-differenzi: il-fatt li mhux it-tipi ta' prodotti kollha prodotti mill-industrija tal-Unjoni ġew prodotti minn produtturi esportaturi Ċiniżi. Konsegwentement, ma jistax jiġi sostnut li l-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni qarrieqa u mgħawġa tal-fatti.

(245) Il-kost tal-produzzjoni għal kull unità żdied b'aktar minn 10 % bejn l-2011 u l-PI, filwaqt li baqa' relattivament stabbli bejn l-2010 u l-2011. Il-kost tal-produzzjoni ġeneralment isegwi x-xejra tal-prezz tal-bejgħ bejn l-2009 u l-PI. Iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni għal kull unità fl-2012 kienet minħabba t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni.

(246) Il-GTĊ ddikjara wkoll li t-tnaqqis fil-prezz medju ta' bejgħ għal kull unità matul il-perjodu kkunsidrat ġie kkawżat, fost l-oħrajn mill-effiċjenzi fil-produzzjoni miksuba. Barra minn hekk, iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni għal kull unità fl-2012 ma kinitx probabbilment ikkawżata mit-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni iżda miż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni.

(247) Tabilħaqq, it-titjib fl-effiċjenza matul il-perjodu 2009-2011 naqqas il-kost tal-produzzjoni għal kull unità u b'hekk ikkontribwixxa għat-tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ għal kull unità. Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet li matul il-PI il-livell tal-prezz medju tal-bejgħ niżel ħafna anqas mill-kost medju tal-produzzjoni għal kull unità, u b'hekk kopra biss 88 % ta' dan tal-aħħar. Fl-istess ħin, iż-żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpaniji fil-kampjun ma setgħatx ikkawżat iż-żieda fil-kost għal kull unità tal-produzzjoni tagħhom. Il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom żdiedet biss bi 2,6 % bejn l-2011 u l-2012, filwaqt li l-kost medju ta' produzzjoni għal kull unità żdied b'10,6 % matul l-istess perjodu. Għaldaqstant, dawn l-allegazzjonijiet ma ntlaqgħux.

7.2. *Il-kostijiet lavorattivi*

(248) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2009	2010	2011	PI
Kostijiet medji għal kull impjegat (EUR)	45 232	44 503	48 288	50 615
Indiċi 2009	*100*	*98*	*107*	*112*
Indiċi 2010	*102*	*100*	*109*	*114*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(249) Bejn l-2009 u l-PI, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat komplew jiżdiedu, u b'kollox żdiedu bi 12 %. Madankollu kien hemm żieda kbira ta' 4,8 % bejn l-2011 u l-PI. Iż-żieda ġenerali tal-ispejjeż lavorattivi tista' tiġi spjegata parzjalment permezz tal-ispejjeż imġarrba minn uħud mill-produtturi tal-Unjoni marbuta mal-fabbriki wieqfa bejn l-2011 u l-IP, jiġifieri l-ħtieġa li l-impjegati jitħallsu minkejja li huma f'dak il-waqt ma kinux qed jaħdmu.

7.3. *Inventarji*

(250) Il-livelli tal-ħażniet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Inventarji

	2009	2010	2011	PI
L-istokks tal-għeluq (1 000 m^2)	1 540	1 875	1 657	1 778
Indiċi 2009	*100*	*122*	*108*	*115*
Indiċi 2010	*82*	*100*	*88*	*95*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

(251) Il-ħażniet żdiedu b'7,3 % bejn l-2011 u l-PI u bi 15 % bejn l-2009 u l-PI, filwaqt li niżlu bi 11,6 % bejn l-2010 u l-2011.

(252) Wara l-iżvelar, il-GTĊ sostna li x-xejriet fl-istokks huma irrilevanti peress li ż-żieda tagħhom f'termini assoluti u relattivi kienet baxxa ħafna.

(253) Minħabba l-iżviluppi fil-prezzijiet, mhuwiex razzjonali għal produttur li jżomm ħażniet kbar, minħabba li l-valur tagħhom jonqos b'mod mgħaġġel. Il-produtturi tal-Unjoni għalhekk ikunu mistennija jżommu ħażniet limitati għall-prodott simili. Għalhekk, iż-żieda fil-ħażniet tal-prodott simili bejn l-2011 u l-PI, għalkemm pjuttost limitata, hija indikatur rilevanti biex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu materjali. Il-volum għoli ta' stokkijiet f'termini assoluti fl-2010 għandu jitqies fl-isfond li l-bejgħ kien ferm ogħla f'dik is-sena milli fil-PI.

7.4. *Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jiżdied il-kapital.*

(254) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redittu fuq l-investimenti

	2009	2010	2011	PI
Profitabbiltà	– 20,3 %	8,3 %	8,2 %	– 14,5 %
Indiċi 2009	*100*	*241*	*240*	*129*
Indiċi 2010	*– 244*	*100*	*99*	*– 174*
Fluss tal-flus (EUR 1 000)	– 21 550	29 574	33 425	6 200
Indiċi 2009	*100*	*337*	*355*	*229*
Indiċi 2010	*– 73*	*100*	*113*	*21*
Investimenti (EUR 1 000)	46 087	18 230	7 633	10 712
Indiċi 2009	*100*	*40*	*17*	*23*
Indiċi 2010	*253*	*100*	*42*	*59*

	2009	2010	2011	PI
Redditu fuq l-investimenti	– 6,9 %	9,6 %	13,3 %	– 11,5 %
Indiċi 2009	*100*	*339*	*393*	*66*
Indiċi 2010	*– 72*	*100*	*139*	*– 120*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-produtturi tal-Unjoni.

(255) Il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienet stabbilita billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(256) Fl-2009 ħafna mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġarrbu telf li, kif spjegat fit-Taqsima D.7, kien prinċipalment minħabba li bdew il-produzzjoni tagħhom tal-prodott simili f'dak iż-żmien. Fl-2010 l-profitt medju kien diġà ta' 8,31 %. Sussegwentement il-profitt naqas bi ftit fl-2011 meta l-importazzjonijiet sussidjati bdew jiżdiedu. Fl-aħħar nett, l-industrija sofriet telfiet sinifikanti matul il-PI, jiġifieri tnaqqis b'276,6 % meta mqabbel mal-2011.

(257) Ix-xejra tal-fluss tal-flus nett, li hija l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess, waqgħet b'mod sinifikanti b'81 % bejn l-2011 u l-PI. Hija kienet qed tiżdied progressivament mill-2010 u b'mod ġenerali żdiedet matul il-perjodu kkunsidrat.

(258) Ir-redditu fuq l-investimenti kien espress bħala l-profitt f'perċentwali tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti.

(259) It-Tabella 10 turi li wara l-fażi ta' bidu fl-2009 meta l-industrija għamlet investimenti kbar fil-prodott simili, l-investimenti naqsu b'mod kostanti bejn l-2009 u l-2011 u mbagħad żdiedu fil-PI. Madankollu, l-investimenti baqgħu f'livell baxx fil-PI meta mqabbla mal-livelli tal-2009. L-investimenti li saru fil-PI kienu marbutin prinċipalment mar-R&Ż kif ukoll mat-titjib u l-manteniment tat-teknoloġija u l-proċessi tal-produzzjoni sabiex tittejjeb l-effiċjenza. B'mod partikolari, l-industrija investiet f'tipi ġodda ta' prodotti li mhumiex importati mir-RPĊ matul l-istess perjodu u li huma intensivi fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(260) B'kuntrast ma' dan, ir-redditu fuq l-investimenti naqas b'34 % bejn l-2009 u l-2012. Madankollu, huwa żdied b'mod kostanti qabel il-PI, jiġifieri fi kliem ieħor, żdied b'293 % bejn l-2009 u l-2011, iżda naqas b'186 % matul il-PI meta mqabbel mal-2011. It-tnaqqis fl-2012 huwa konsegwenza loġika tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf matul il-PI.

(261) Fir-rigward tal-kapaċità li jiżdied il-kapital, instab li kien hemm deterjorament kostanti fil-ħila tal-industrija tal-Unjoni li tiġġenera flus għall-prodott simili u, konsegwentement, kien hemm indeboliment fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

8. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(262) L-analiżi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni turi xejra 'l isfel ċara ta' ħafna mill-indikaturi tad-dannu. Fl-isfond ta' żieda ġenerali fil-konsum, il-produzzjoni globali żdiedet matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm il-volum tal-bejgħ żdied, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas fil-perjodu kkunsidrat minħabba ż-żieda akbar fil-konsum matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezz medju tal-bejgħ naqas b'mod qawwi matul il-perjodu kkunsidrat, u affettwa b'mod negattiv l-indikaturi kollha tal-prestazzjoni finanzjarja bħall-profittabilità, il-fluss tal-flus, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiżdied il-kapital.

(263) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-bejgħ globali tal-industrija tal-Unjoni żdied. Madankollu, iż-żieda fil-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienet akkumpanjata minn tnaqqis sinifikanti fil-prezz medju tal-bejgħ, kif ukoll fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni.

(264) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-investigazzjoni kkonfermat b'mod partikolari l-fatt li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni huma aktar baxxi mill-kostijiet tal-produzzjoni matul il-PI, u b'hekk għandhom effett negattiv fuq il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni, li laħqet livelli negattivi sinifikanti matul il-PI.

(265) Madankollu, il-kapaċità żviluppat b'mod pożittiv bejn l-2009 u l-PI. Barra minn hekk, għalkemm l-investimenti naqsu bejn l-2009 u l-PI, dawn żdiedu bejn l-2011 u l-PI. Dan huwa minħabba li, kif spjegat fit-Taqsima D.7.4 hawn fuq, il-kumpaniji fil-kampjun komplew jinvestu fil-prodott simili billi, fost affarijiet oħra, jikkonċentraw fuq tipi ta' prodotti f'niċeċ tas-suq fejn għad ma hemm l-ebda esportazzjoni ta' tipi ta' prodott partikolari mill-pajjiż ikkonċernat u li huma intensivi fir-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-istess ħin, huwa evidenti li l-industrija tal-Unjoni teħtieġ ukoll li tkun kapaċi tipproduċi u tbigħ il-volumi għoljin ta' tipi ta' prodotti aktar bażiċi (li bħalissa huma f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ) sabiex inaqqsu l-kostijiet fissi u jiksbu ekonomiji ta' skala.

(266) Wara l-iżvelar, il-GTĊ sostna li hemm inkonsistenza fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni billi sostniet li l-investimenti kienu prinċipalment fir-R&Ż filwaqt li argumentat ukoll li l-kapaċità żdiedet fl-PI b'antiċipazzjoni taż-żieda fid-domanda. Dawn l-istqarriiet mhumiex inkonsistenti iżda komplementari: l-investimenti fit-tipi l-ġodda tal-prodotti matul l-istess perjodu inevitabbilment iwasslu għaż-żieda fil-kapaċità Barra minn hekk, minkejja li dawn l-investimenti tabilħaqq iżidu l-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni, huma wkoll indikatur importanti li l-industrija qed tagħmel l-almu tagħha biex tibqa' kompetittiva.

(267) Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni mhux biss ġarrbet dannu materjali matul il-PI, iżda wkoll fittxet b'mod attiv mezzi biex tnaqqas l-espożizzjoni tagħha għall-importazzjonijiet sussidjati tal-prodott ikkonċernat permezz tal-iżvilupp ta' prodotti innovattivi li għadhom mhumiex importati mill-pajjiż ikkonċernat.

(268) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku.

E. **KAWŻALITÀ**

(269) Skont l-Artikolu 8(6) u (7) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni sa livell li jista' jitqies materjali. Ġew eżaminati wkoll fatturi magħrufa għajr l-importazzjonijiet sussidjati, li setgħu fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni biex ikun żgurat li d-dannu possibbli kkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma ġiex attribwit lill-importazzjonijet sussidjati.

1. **Effett tal-importazzjonijiet sussidjati**

(270) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet sussidjati żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, u żiedu l-volumi tagħhom b'596 % u s-sehem mis-suq tagħhom bi 366 %. Għalhekk, ġie kkonfermat li kemm il-volum kif ukoll is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet għall-prodott ikkonċernat żdiedu b'mod konsiderevoli matul il-perjodu kkunsidrat. Kien hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet sussidjati u t-telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Fi kliem ieħor: l-importazzjonijiet kibru aktar malajr mis-suq tal-Unjoni u l-produtturi tal-Unjoni tilfqu s-sehem mis-suq minħabba l-importazzjonijiet sussidjati Ċiniżi. L-investigazzjoni stabbilixxiet ukoll li, kif stipulat fit-Taqsima D.4.2 hawn fuq, l-importazzjonijiet sussidjati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI.

(271) L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet sussidjati naqsu b'27,2 % matul il-perjodu kkunsidrat u wassal għal differenzi saħansitra ogħla bejn il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u dawk tal-produtturi esportaturi. Fl-isfond ta' din il-pressjoni sinifikanti tal-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni għamlet sforzi konsiderevoli biex tnaqqas il-kostijiet tal-produzzjoni tagħha. Minkejja dawn l-isforzi, il-livell baxx ħafna tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġieħel lill-industrija tal-Unjoni tkompli tnaqqas il-prezz tal-bejgħ tagħha għal livelli mhux profittabbli. Wara l-fażi tal-bidu fl-2009, il-produtturi tal-Unjoni kisbu livelli ta' profitt stabbli fl-2010 u l-2011. Matul il-PI, madankollu, il-produtturi tal-Unjoni rreġistraw telfiet sinifikanti.

(272) Wara l-iżvelar, bosta partijiet interessati kkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li teżisti rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet ssusidjati mir-RPĊ. Huma sostnew li ma hemm l-ebda koinċidenza fiż-żmien bejn id-dannu u ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat. Dan huwa minħabba li bejn l-2009 u l-2011, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2011 kien ta' EUR 4,96/m^2, ammont qrib dak tal-2012 (EUR 4,38/m^2).

(273) L-istess partijiet sostnew li l-konklużjoni li d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni għandha tiġi attribwita lill-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2012 tmur kontra s-sejbiet tagħha li l-importazzjonijiet Ċiniżi allegatament ma kellhom l-ebda impatt negattiv fis-sena ta' qabel, għalkemm il-prezz medju tal-importazzjonijiet kien simili ħafna.

(274) Il-partijiet sostnew ukoll li l-koinċidenza fiż-żmien bejn id-dannu materjali mġarrab u l-importazzjonijiet Ċiniżi sussidjati ma tistax tiġi evalwata fuq il-bażi tal-perjodu kollu kkunsidrat mill-2009 sa tmiem il-PI, mingħajr ma jittieħed kont tax-xejriet li jintervjenu u li ġew osservati matul dan il-perjodu.

(275) Mill-bidu tal-perjodu meqjus sa tmiem il-PI, l-importazzjonijiet telgħu b'596 %, b'żieda ta' 321 % fis-sehem tas-suq tagħhom. Il-prezzijiet tal-importazzjoni naqsu b'27,2 % matul il-perjodu meqjus.

(276) Huwa korrett li l-marġni ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni fl-2011 kien biss ftit iktar baxx minn dak tal-2010, minkejja ż-żieda qawwija tal-importazzjonijiet mir-RPĊ diġà fl-2011. Madankollu matul l-2011 il-konsum tal-Unjoni ta' ħġieġ solari żdied b'mod sinifikanti, jiġifieri b'20,4 % bejn l-2010 u l-2011, filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'150 % matul l-istess perjodu. Fil-PI, filwaqt li l-konsum naqas bi ftit aktar minn 19 %, il-volum ta' importazzjonijiet Ċiniżi kompla żdied b'aktar minn 35 %. Dan juri biċ-ċar il-koinċidenza fiż-żmien bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fil-PI u ż-żieda qawwija ta' importazzjonijiet Ċiniżi sussidjati. Ukoll, loġikament jeħtieġ xi ftit taż-żmien qabel xi whud mill-effetti negattivi tal-importazzjonijiet sussidjati miżjuda jinħassu mill-produtturi tal-Unjoni (pereżempju telf ta' klijenti, it-telf imġarrab, it-tnaqqis tar-redditu fuq l-investimenti u l-fluss tal-flus, eċċ.). Għaldaqstant id-dikjarazzjoni ma ntlaqgħetx.

(277) Il-Kummissjoni analizzat ukoll xejriet ta' intervent matul il-perjodu kkunsidrat. Il-fatt li tabilħaqq fl-2011, l-industrija tal-Unjoni kienet għadha qed tagħmel profitt, anki jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi diġà żdiedu f'dik is-sena, ma jaffettwax il-konklużjoni li fil-PI kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn id-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni u ż-żieda kontinwa fl-importazzjonijiet Ċiniżi.

(278) Fil-PI, waqt li l-konsum naqas bi ftit aktar minn 19 %, il-produtturi esportaturi Ċiniżi:

(a) żiedu s-sehem mis-suq tagħhom bi 12,4 punti perċentwali meta mqabbel mal-2011 filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12,3 punti perċentwali;

(b) żiedu l-volumi fl-importazzjonijiet Ċiniżi b'aktar minn 35 % kontra tnaqqis ta' 32 % fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni; u

(c) komplew nnaqqsu l-prezzijiet diġà baxxi ta' esportazzjoni tagħhom b'aktar minn 10 % u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'sa 26,7 % u b'hekk ikkontribwixxew għat-telfiet imġarrba mill-industrija tal-Unjoni fil-PI.

(279) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni proviżorjament ikkonkludiet li l-preżenza ta' importazzjonijiet sussidjati u ż-żieda tas-sehem mis-suq tagħhom bi prezzijiet li konsistentement naqqsu dawk tal-industrija tal-Unjoni kkawżaw id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

2. **Effetti ta' fatturi oħra**

2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(280) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (1 000 m^2)

Pajjiżi terzi	2009	2010	2011	PI
Volum (m^2)	700	886	1 287	1 023
Indiċi	*100*	*127*	*184*	*146*
Sehem mis-suq	4,2 %	3,1 %	3,8 %	3,7 %
Indiċi	*100*	*74*	*90*	*88*
Prezz medju EUR/m^2	10,50	10,09	9,60	8,40
Indiċi	*100*	*96*	*91*	*80*

Sors: Glass for Europe u l-ilmentatur.

(281) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra matul il-perjodu kkunsidrat żdied b'46 %, b'konformità maż-żieda fil-konsum tal-Unjoni. Is-sehem mis-suq tagħhom naqas ftit matul il-PI meta mqabbel mal-2011 (3,7 %) iżda b'mod ġenerali baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. It-Turkija hija t-tieni l-akbar esportatur wara r-RPĊ, segwit mill-Indja.

(282) L-informazzjoni disponibbli fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha turi li l-prezz medju tal-importazzjonijiet kien ogħla mill-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Dan huwa validu wkoll għal prezz għal kull unità għal kull tip partikolari tal-prodott ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, il-prezz medju tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi terzi kien simili jew ogħla mill-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni.

(283) Fid-dawl tal-volumi tal-importazzjonijiet ġenerali baxxi u l-ishma mis-suq minn pajjiżi terzi kif ukoll il-livelli tal-prezzijiet tagħhom, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ma setgħux jiksru r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

2.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(284) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

	2009	2010	2011	PI
Valur tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet (EUR 1 000)	19 313	19 814	27 419	7 001
Indiċi	*100*	*103*	*142*	*36*
Volum tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet (1 000 m^2)	1 460	1 713	2 708	760
Indiċi	*100*	*117*	*185*	*52*
Prezz medju (EUR/m^2)	13,22	11,56	10,12	9,21
Indiċi	*100*	*87*	*77*	*70*

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarji tal-produtturi tal-Unjoni.

(285) Il-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdied bejn l-2009 u l-2011, iżda waqa' f'salt matul il-PI b'74 % fil-valur u b'71,9 % fil-volum. Fuq il-bażi tat-tweġibiet tal-esportaturi Ċiniżi fil-kampjun, dan jidher li huwa probabbilment minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn id-destinazzjonijiet prinċipali ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni (jiġifieri l-Istati Uniti, il-Kanada).

(286) Il-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien jikkostitwixxi 20 % tal-bejgħ totali tagħhom fil-volum fl-2009 (fil-fażi ta' bidu), 11 % matul l-2010 u 14 % biss matul is-sena kruċjali tal-2011. L-2012 wriet tnaqqis ulterjuri għal 5 %.

(287) Is-suq tal-Unjoni, peress li huwa wieħed mill-ikbar fid-dinja, huwa s-suq ewlieni għall-industrija tal-Unjoni u mhux għas-swieq ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-fatt li l-ħġieġ solari huwa relattivament tqil u fraġli jfisser spejjeż addizzjonali meta ttrasportat fuq distanza (minħabba ksur u korrużjoni). L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni mnaqqsa hija prinċipalment minħabba l-kompetizzjoni ma' esportazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi wkoll fis-swieq ta' pajjiżi terzi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-prestazzjoni deterjorata tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(288) Wara l-iżvelar, diversi partijiet ikkontestaw is-sejbiet tal-Kummissjoni li t-tnaqqis tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-PI kien probabbilment minħabba prezzijiet baxxi ħafna tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn destinazzjonijiet ewlenin tal-industrija tal-Unjoni ta' esportazzjonijiet (jiġifieri l-Istati Uniti, il-Kanada). Huma qiesu li din il-konklużjoni mhijiex ġustifikata billi l-esportazzjonijiet Ċiniżi kienu preżenti wkoll fl-2011 u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għalfejn l-impatt għandu jkunu seħħ biss fl-2012. Dawn kienu wkoll tal-fehma li r-raġuni vera għall-bejgħ ta' esportazzjonijiet baxx tagħhom kien il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva u, meta l-prezzijiet tas-suq dinji naqas, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibqa' kompetittiva. Konsegwentement, il-partijiet sostnew li l-waqgħa fil-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI kompliet tikkontribwixxi għad-dannu mġarrab.

(289) Il-Kummissjoni tirrifjuta dawn l-argumenti għar-raġunijiet li ġejjin. Is-suq tal-Unjoni xorta jibqa' l-akbar suq għal l-industrija tal-Unjoni u mhux is-swieq ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, l-ispejjeż addizzjonali mġarrba meta trasportati fuq distanza (minħabba ksur u korrużjoni) jista' jiġi kkumpensat biss, jekk il-livell tal-prezz f'pajjiżi

terzi huwa għoli biżżejjed. Dan ma jidhirx li huwa l-każ. Fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mit-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn id-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu tabilħaqq baxx ħafna u komplew jonqsu matul il-PI meta mqabbla mal-2011. Dan juri li t-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa prinċipalment minħabba l-esportazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet dejjem aktar baxxi, anki fis-swieq ta' pajjiżi terzi kif ikkonfermat matul l-investigazzjoni.

(290) L-istess partijiet sostnew ukoll li l-investigazzjoni kkonċernat is-suq tal-Unjoni u ma vvalutat l-ebda prezzijiet inġusti allegati fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

(291) Barra minn hekk, is-sejbiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, anki jekk wieħed jassumi li dawn kienu korretti, allegatament attribwixxew dannu kkawżat minn fatturi oħra lill-importazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni. Għalhekk l-esportazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet allegatament baxxi jew sussidjati lejn pajjiżi terzi ma kinux l-importazzjonijiet sussidjati lejn l-UE u, bħala tali, kkwalifikaw bħala fattur ieħor, li l-effetti ta' dannu tiegħu setgħux jiġu attribwiti lill-importazzjonijiet sussidjati.

(292) Il-Kummissjoni ma laqgħetx dan l-argument. Hija ma investigatx jekk il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tar-RPĊ lejn pajjiżi terzi humiex l-oġġett ta' dumping u/jew sussidjati. Huwa sempliċiment stabbilit, abbażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li kienu ppreżentati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun, li dawk il-prezzijiet kienu qed jonqsu b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin.

(293) Bl-istess mod, il-Kummissjoni analizzat it-tnaqqis fil-prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn pajjiżi terzi bħala fattur separat u ma attribwitux lill-importazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni. Tabilħaqq, dan il-fatt kien użat biss bħala spjegazzjoni possibbli għall-esportazzjonijiet imnaqqsa tal-industrija tal-Unjoni lejn id-destinazzjonijiet prinċipali ta' pajjiżi terzi tagħha fil-kuntest tal-fatt li dawn is-swieq ma kinux u qatt ma kienu s-swieq ewlenin għall-industrija tal-Unjoni. Anki fil-qofol tagħha fis-snin 2010 u 2011, iktar minn 85 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni inbigħu fis-suq tal-Unjoni.

(294) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prestazzjoni deterjorata tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma tistax tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

2.3. *L-iżvilupp tal-konsum u l-kapaċità*

(295) Kif intqal fit-Taqsima D.3 hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni żdied bejn l-2009 u l-PI b'65 %. Huwa laħaq il-qofol tiegħu fl-2011 meta żdied b'105 % meta mqabbel mal-2009. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ minn din iż-żieda fil-konsum. Il-bejgħ globali tagħha żdied b'mod sinifikanti sal-2011, iżda żdied aktar bil-mod milli fis-suq. Il-bejgħ imbagħad naqas ukoll f'termini ġenerali matul il-PI. Is-sehem mis-suq tagħha naqas b'mod kostanti matul il-perjodu kkunsidrat u laħaq tnaqqis ta' 25,7 % matul il-PI meta mqabbel mal-2009 (-15,8 % meta mqabbel mal-2011). Min-naħa l-oħra, kemm is-sehem mis-suq Ċiniż kif ukoll il-volum tal-bejgħ żdied b'mod sinifikanti, anki meta l-konsum naqas bejn l-2011 u l-PI, u rriżulta f'żieda ta' 68,4 % bejn l-2011 u l-PI u żieda globali ta' 321 % matul il-perjodu kollu. Iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienet ta' 596 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(296) Billi l-konsum tal-Unjoni żdied fil-perjodu kkunsidrat, l-iżvilupp tiegħu huwa tali li jsaħħaħ ir-rabta kawżali bejn iż-żieda tal-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u mhuwiex fih innifisu kawża ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, anki matul il-PI, meta l-konsum naqas, l-importazzjonijiet Ċiniżi sussidjati kienu kapaċi jkomplu jżidu s-sehem mis-suq tagħhom għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(297) Wara l-iżvelar, bosta partijiet sostnew li d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien minħabba t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni. Dan huwa allegatament l-uniku fattur li deher li naqas għall-ewwel darba fl-2012 u li miegħu jista' jintrabat raġevonalment id-dannu, filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi diġà bdew fl-2011, bi prezzijiet paragunabbli għal dawk tal-2012.

(298) Fl-2012 il-konsum naqas meta mqabbel mas-snin ta' qabel. Madankollu, l-analiżi tal-Kummissjoni tibda mill-bidu tal-perjodu fl-2009 meqjus sa tmiem il-PI u f'dan il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni żdied globalment b'65 %. Matul il-perjodu meqjus, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod kostanti u b'mod konsiderevoli, jiġifieri b'25,7 % b'mod ġenerali, filwaqt li s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied bi 321 %. Iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienet ta' 596 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(299) Barra minn hekk, fil-PI, il-konsum tal-Unjoni kien għadu f'livell komparabbli bħal fl-2010, filwaqt li, kif indikat fit-Tabella 10 ta' hawn fuq, l-2010 kienet is-sena meta l-industrija tal-Unjoni kisbet qligħ raġonevoli. Għalhekk, it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni matul il-PI, fih innifsu, ma setax wassal għat-telf imġarrab mill-industrija tal-Unjoni fil-PI. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni niżel b'26,6 % bejn l-2010 u l-2012, filwaqt li s-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied bi 318 % matul l-istess perjodu. Fl-aħħar nett, jekk il-waqgħa fil-konsum matul il-PI kien messha kkawżat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, hi kien messha wkoll affettwat l-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu, jidher biċ-ċar li dan ma kienx il-każ. Għall-kuntrarju, matul il-PI, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti kemm fil-volum kif ukoll fis-sehem tas-suq.

(300) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ma tilqax din il-pretensjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis fil-konsum fil-PI ma setax jikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(301) Rigward il-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif stabbilit fit-Tabella 4 ta' hawn fuq, iż-żieda tagħha segwiet b'mod ċar ix-xejra fiż-żieda tal-konsum tal-Unjoni sa tmiem l-2011. L-investigazzjoni żvelat li r-raġuni ewlenija għaż-żieda tal-kapaċità ta' produzzjoni bejn l-2011 u l-PI bi 12,5 % kienet id-dħul fis-suq tal-ħġieġ solari ta' kumpanija waħda. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-kumpaniji l-oħra kollha fis-suq naqset bi ftit matul l-istess perjodu. Konsegwentement, ix-xejra globali fl-iżvilupp tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni segwiet ix-xejra fil-konsum tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kapaċità ta' produzzjoni għolja tal-industrija tal-Unjoni, li kienet diġà għolja fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat u li baqgħet għolja matul il-PI, ma setgħetx tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(302) Wara l-iżvelar, bosta partijiet argumentaw li l-Kummissjoni naqset milli tqis l-allegata kapaċità eċċessiva bħala kawża importanti ta' dannu. Matul il-perjodu kkunsidrat iż-żieda fil-kapaċità ma kinitx allegatament ġustifikata miż-żieda fil-konsum billi l-industrija tal-Unjoni esperjenzat differenza enormi konstanti bejn il-kapaċità ta' produzzjoni u l-konsum li fl-opinjoni tagħhom, mhijiex ekonomikament vijabbli. Barra minn hekk, huma sostnew ukoll li l-fatt li kien hemm parteċipant ġdid fis-suq bejn l-2011 u tmiem il-PI kkontribbwixxa għad-dannu soffrut billi żied il-kompetizzjoni domestika.

(303) Il-partijiet sostnew ukoll li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, il-kapaċità li dejjem qed tiżdied tal-produzzjoni, flimkien ma' tnaqqis fil-bejgħ għall-esportazzjoni, rriżultaw f'rata baxxa ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità. Din ir-rata ta' utilizzazzjoni baxxa kkawżat spejjeż fissi għoljin, li, fl-opinjoni tagħhom, kellha impatt qawwi ħafna fuq l-industrija tal-ħġieġ solari fl-Unjoni.

(304) Il-Kummissjoni tosserva li l-livell tal-kapaċità tal-industrija sħiħa tal-Unjoni kienet konsistentement ogħla mill-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Madankollu, dan ma waqqafx il-kumpaniji tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun milli jiksbu profitti matul is-sentejn ta' qabel il-PI, filwaqt li ġġarrbu telfiet sinifikanti ta' -4,5 % biss matul il-PI.

(305) Barra minn hekk, il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedet biss b'4 % bejn l-2010 u l-2011 u bi 2,6 % bejn l-2011 u l-PI, li tirriżulta f'żieda ġenerali modesta ta' 6,7 % bejn l-2010 u l-PI.

(306) Konsegwentement, id-differenza bejn il-konsum u l-kapaċità kienet teżisti matul il-perjodu kollu meqjus u, anki jekk daqsxejn ogħla matul il-PI, ma tistax tispjega t-telfiet enormi imġarrba mill-kumpaniji fil-kampjun matul il-PI. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni ma tilqax l-allegazzjoni li l-livell tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni mhuwiex ekonomikament vijabbli.

(307) Rigward l-argument li l-operatur il-ġdid fl-2012 ikkontribwixxa għad-dannu li sofriet l-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tosserva li dan l-operatur il-ġdid, għalkemm kien installa kapaċità għolja, kellu produzzjoni u volumi tal-bejgħ limitati ħafna, fil-medda ta' 2 % tal-bejgħ totali fl-UE, matul il-PI. Bħala riżultat, id-dħul tiegħu kellu ftit li xejn impatt fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali, ħlief li dan għolla l-kapaċità ta' din tal-aħħar kif ukoll id-dejta tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità b'mod sinifikanti. Tabilħaqq, mingħajr id-dejta ta' din il-kumpanija, il-kapaċità tal-produtturi l-oħra kollha tal-Unjoni naqset bejn l-2011 u l-2012.

(308) L-investigazzjoni lanqas ma kkonfermat li l-industrija tal-ħġieġ solari għandha impatt enormi mill-ispejjeż fissi. L-ispejjeż fissi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu fil-firxa ta' 25 %–35 % tal-ispejjeż totali ta' produzzjoni matul il-PI. Matul is-snin preċedenti tal-2010 u l-2011, il-perċentwali ta' spejjeż fissi kien kemxejn inqas, iżda

xorta waħda fl-istess firxa. Dan juri biċ-ċar li l-kapaċità għolja fil-PI kellha ovvjament impatt fuq il-kost tal-produzzjoni, iżda l-impatt tagħha ma kienx sinifikanti u ma jistax jspjega t-telfiet għolja mġarrba fil-PI, b'mod partikolari, meta mqabbla mal-profitti miksuba matul is-snin ta' qabel. Barra minn hekk, ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun naqset meta mqabbla mas-snin preċedenti iżda kienet għadha fil-livell ta' 65 % fil-PI.

(309) Fl-aħħar nett, fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni qieset ukoll li l-kapaċità installata tista' tiġi adattata għall-produzzjoni ta' tipi oħra ta' ħġieġ, li jaqgħu barra l-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Kif xieraq, ukoll minħabba dan l-element il-Kummissjoni ma taqbilx mal-parti interessata li l-kapaċità installata għolja mhijiex ekonomikament vijabbli.

(310) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma laqgħetx l-allegazzjonijiet imressqa mill-partijiet u tenniet li l-iżviluppi fil-konsum, il-kapaċità u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat, analizzati kemm separatament kif ukoll kumulattivament, mhumiex tali li jiksru r-rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet sussidjati.

2.4. *Xejriet fil-moduli solari*

(311) Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni ([1]), madwar 80–85 % tal-ħġieġ solari jsir għal produtturi tal-moduli solari (Moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u moduli fotovoltajċi b'rita rqiqa), u madwar 15–20 % tal-bejgħ isir għal produturi ta' kolletturi solari termali bi pjanċa ċatta li jipproduċu l-mixħun. Konsegwentement, ix-xejriet osservati fil-moduli solari għandhom impatt importanti fuq il-konsum tal-ħġieġ solari.

(312) Wara l-iżvelar, żewġ partijiet iddikjaraw li, minbarra l-iżvilupp fil-konsum tal-prodott ikkonċernat, id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat ukoll mit-tnaqqis fil-konsum ta' moduli solari u mit-telf imġarrab minn din l-industrija fi tmiem l-2011/il-bidu tal-2012. L-impatt tad-diffikultà finanzjarja tal-produtturi tal-pannelli solari għas-suq tal-ħġieġ solari allegatament beda jidher fl-aħħar tal-2011 u fl-2012, minħabba ż-żmien meħtieġ bejn iż-żewġ każijiet.

(313) Il-konsum tal-moduli solari żdied b'mod kostanti matul l-istess perjodu, jiġifieri bejn l-2009 u l-2012, u anki jekk kien hemm tnaqqis fl-2012, il-livell ta' konsum baqa' 221 % ogħla milli fl-2009 u 44 % ogħla milli fl-2010 ([2]). Barra minn hekk, ġie stabbilit li filwaqt li d-domanda għall-moduli fl-Unjoni kienet inizjalment ġenerata minn skemi ta' appoġġ finanzjarju, prinċipalment it-tariffi garantiti (TG), ma setax jiġi konkluż li t-tnaqqis fit-TG (fi tmiem l-2011, fil-bidu tal-2012) kien kisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu ([3]). Dan kien minħabba li d-domanda għall-moduli solari baqgħet relattivament għolja matul l-istess perjodu 2009–12.

(314) Konsegwentement, il-livell ta' konsum ta' moduli solari, u b'reazzjoni għal din id-domanda ta' ħġieġ solari, baqa' għoli matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis żgħir tiegħu fl-2012 ma jistax jitqies waħdu bħala fattur tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ u d-dannu materjali mill-industrija tal-Unjoni.

(315) Bl-istess mod, billi d-domanda għal moduli solari baqgħet relattivament għolja matul il-perjodu 2009–12 u d-domanda ta' ħġieġ solari żdiedet b'65 % matul l-istess perjodu, l-impatt fuq il-konsum ta' ħġieġ solari għad-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-moduli solari fi tmiem l-2011/il-bidu tal-2012 ma jistax jitqies waħdu bħala fattur tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari sussidjati mir-RPĊ u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(316) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma li l-iżvilupp tal-konsum tal-moduli solari ma jistax jitqies waħdu bħala fattur tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ u l-ħsara materjali mill-industrija tal-Unjoni.

([1]) Id-dejta tal-ilmentatur ġiet kontroverifikata mat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni.

([2]) It-Tabelli 1-a u 1-b fil-premessa 108 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 513/2013 tal-4 ta' Ġunju 2013 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew li jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2013 li jagħmel dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fi jew li huma kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 152, 5.6.2013, p. 5) ("ir-Regolament Proviżorju dwar il-Pannelli Solari"). Skont il-premessa 20 u lil hinn tar-Regolament dwar il-Pannelli Solari, il-prodott kopert minn dik l-investigazzjoni huwa moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli u wejfers tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin. Għaldaqstant, il-moduli fotovoltajċi b'rita rqiqa mhumiex soġġetti għal dik l-investigazzjoni u l-konsum tagħhom mhuwiex kopert.

([3]) Ara l-premessa 107 tar-Regolament Proviżorju dwar il-Pannelli Solari. Is-sejbiet tar-Regolament Proviżorju dwar il-Pannelli Solari li jinsabu fil-premessi minn 107 sa 109 kienu kkonfermati fil-premessi minn 245 sa 265 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 1).

3. **Konklużjoni**

(317) L-investigazzjoni stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet isussidjati mir-RPĊ. Il-Kummissjoni analizzat kawżi oħra possibbli ta' dannu, bħal pereżempju l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, it-tibdil fix-xejra tal-konsum u tal-kapaċità tal-produzzjoni jew is-sitwazzjoni tas-suq ta' xi utenti tal-prodott ikkonċernat. L-ebda wieħed minnhom, analizzati kemm individwalment kif ukoll b'mod kumulattiv, ma nstab li huwa tali li jikser ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(318) Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat b'mod xieraq l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati, qed jiġi konkluż li l-importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku.

(319) Diversi produtturi tal-ħġieġ solari tal-Unjoni ta' wara l-PI ħabbru pubblikament il-waqfien tal-operazzjonijiet ta' produzzjoni li kellu jittrasferixxi inevitabbilment il-kapaċità operattiva sinifikanti għal kapaċità mhux utilizzata. Dan ikompli jsaħħaħ ir-rabta kawżali stabbilita hawn fuq u juri l-effett devastanti li l-importazzjonijiet sussidjati għandhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(320) B'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar is-sussidju dannuż, huwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. L-analiżi tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti kollha, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, l-importaturi, il-forniturituri tal-materja prima u l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(321) L-industrija tal-Unjoni impjegat direttament madwar 860 persuna fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili matul il-PI. L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Xi produtturi tal-Unjoni diġà kienu mġiegħla jagħlqu l-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħhom filwaqt li xi oħrajn iffaċċjaw insolvenza ([1]). Fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli ħafna li jkun hemm deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(322) Huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping proviżorji telimina l-effetti li jgħawwġu l-kummerċ tas-sussidju dannuż u tirrestawra l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Unjoni, li tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tallinja l-prezzijiet tal-prodott simili sabiex jirriflettu l-kostijiet tal-produzzjoni u b'hekk titjieb il-profittabilità tagħha. Jista' jkun mistenni wkoll li l-impożizzjoni ta' miżuri tippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tikseb lura għall-inqas parti mis-sehem mis-suq li tilfet matul il-perjodu kkunsidrat, b'impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tagħha.

(323) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni għandha tkun kapaċi jkollha aċċess aħjar għall-kapital u biex tinvesti aktar fir-R&Ż u fl-innovazzjoni fis-suq tal-ħġieġ solari.

(324) Fl-aħħar nett, huwa probabbli li l-produtturi tal-Unjoni li kienu mġiegħla jwaqqfu l-produzzjoni b'reazzjoni għall-pressjoni tal-importazzjonijiet sussidjati Ċiniżi jkunu jistgħu jerġgħu jibdew l-attività tan-negozju tagħhom. B'mod ġenerali, f'dan ix-xenarju, mhux biss ikunu assigurati l-impjiegi eżistenti, iżda jkun hemm ukoll prospett raġonevoli għal aktar espansjoni fil-produzzjoni u żieda fl-impjiegi.

(325) Jekk ma jiġux imposti miżuri, huwa mistenni aktar telf fis-sehem mis-suq li jwassal għal aktar deterjorament fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni. Dan ma jkunx sostenibbli fit-terminu qasir għal dak medju. B'konsegwenza ta' dan, minbarra n-numru kbir ta' produtturi tal-Unjoni li diġà kienu mġiegħla joħorġu mis-suq, produtturi oħra jistgħu jiffaċċjaw insolvenza li fit-terminu qasir għal dak medju twassal għall-għajbien probabbli tal-industrija tal-Unjoni bl-impatt sinifikanti li jkun hemm fuq l-impjiegi eżistenti.

(326) Għaldaqstant ġie konkluż li l-impożizzjoni tad-dazji antisussidji jkunu fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

([1]) Ara pereżempju: http://www.lesoir.be/421477/article/actualite/fil-info/fil-info-economie/2014-02-07/agc-confirme-l-arret-du-verre-solaire-roux tas-7 ta' Frar 2014.; http://www.pv-magazine.com/news/details/beitrag/centrosolar-glas-must-declare-insolvency_100013055/#axzz2tDr5dhxV tas-16 ta' Ottubru 2013.

2. **L-interess tal-importaturi u tan-negozjanti mhux relatati**

(327) Għaż-żewġ importaturi li kkooperaw, l-attività kummerċjali prinċipali kienet tikkonsisti fil-kummerċ tal-prodott ikkonċernat. It-tnejn li huma kienu ddiversifikaw is-sorsi tal-prodott ikkonċernat, jiġifieri ma kinux jixtru biss mir-RPĊ, iżda wkoll mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi.

(328) Tqajjem l-argument li l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat taffettwa b'mod negattiv l-attività kummerċjali tal-importaturi. L-ewwel nett, l-impożizzjoni tad-dazji ma għandhiex twassal għall-eliminazzjoni tal-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ. It-tieni, għalkemm wieħed jista' jistenna li l-impożizzjoni tal-miżuri jista' jkollha effett negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-importaturi li jimpurtaw biss mir-RPĊ, fid-dawl tal-possibbiltà li jixtru minn pajjiżi terzi, l-importaturi jistgħu jkunu mistennija li jkunu flessibbli u jibdlu s-sorsi tal-provvista tagħhom jekk dan ikun meħtieġ.

(329) Għaldaqstant ġie proviżorjament konkluż li l-impożizzjoni tal-miżuri fil-livell propost jista' jkollha ċertu impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ta' importaturi mhux relatati tal-prodott ikkonċernat, iżda li l-impatt tagħha jittaffa mill-fatt li l-importaturi u n-negozjanti jistgħu jużaw sorsi oħra ta' provvista, kemm minn pajjiżi terzi kif ukoll mill-industrija tal-Unjoni li għandha l-kapaċità li żżid il-produzzjoni tagħha u f'kull każ tikkunsidra l-impatt possibbli fuq partijiet oħra.

3. **L-interess ta' fornituri ta' materja prima**

(330) L-ebda fornitur ta' materja prima ma kkoopera fl-investigazzjoni. Fin-nuqqas ta' dejta minn tali importaturi, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-impożizzjoni ta' miżuri tmur kontra l-interessi ta' dawn il-partijiet.

4. **L-interess tal-utenti**

(331) L-utenti kollha li wieġbu huma produtturi ta' moduli solari u/jew kolletturi termali. Tliet utenti huma favur li jiġu imposti dazji antisussidji, bl-argument li l-produtturi tal-industrija tal-Unjoni jipproduċu ħġieġ solari ta' kwalità aħjar li mhux dejjem jista' jiġi fornut minn kumpaniji Ċiniżi. B'kuntrast ma' dan, tliet utenti oħra kienu kontra l-impożizzjoni ta' miżuri antisussidji. Dawk l-utenti jistennew li l-impożizzjoni ta' dazji antisussidji jkollha impatt negattiv fuq in-negozju tagħhom. Huma jistennew li ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-prezzijiet lill-konsumaturi finali minħabba s-sitwazzjoni terribbli tal-industrija tal-moduli solari.

(332) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-utenti, il-ħġieġ solari jikkostitwixxi biss madwar 6-8 % tal-kostijiet totali ta' moduli solari. Għaldaqstant, il-ħġieġ solari jikkostitwixxi biss parti limitata tal-kostijiet u tal-valur finali tal-moduli fotovoltajċi. Barra minn hekk, jista' jiġi stmat li jekk jiġu imposti dazji antisussidji fuq il-ħġieġ solari importat mir-RPĊ, l-impatt fuq il-kostijiet totali tal-moduli solari għandu jkun inqas minn 1 %. Dan huwa l-aktar minħabba li l-utenti li kkooperaw jixtru kwantitajiet sinifikanti tal-ħġieġ solari mingħand il-produtturi tal-Unjoni.

(333) Għaldaqstant, filwaqt li l-impożizzjoni possibbli ta' dazji antisussidji x'aktarx iżżid kemxejn il-prezzijiet tal-input għall-moduli solari, meta mqabbla max-xenarju kontrofattwali mingħajr dazji, mhuwiex mistenni li din ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-kostijiet u fuq il-prezzijiet finali tal-industrija tal-moduli solari tal-Unjoni.

(334) Barra minn hekk, uħud mill-utenti diġà għandhom sorsi oħra ta' provvista bħat-Turkija u l-Indja li ma jkunux influwenzati b'mod negattiv bl-impożizzjoni ta' dazji antisussidji. Utenti oħra jista' jaqilbu għal sorsi oħra ta' provvista wkoll, jew minn pajjiżi terzi jew mill-industrija tal-Unjoni.

(335) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma laqgħetx l-argumenti mressqin minn xi utenti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri.

5. **L-aspetti tal-kompetizzjoni**

(336) Importatur wieħed argumenta li billi ċerti produtturi tal-Unjoni pparteċipaw f'kartell dinji ta' ħġieġ ċatt (il-ħġieġ solari huwa parti minnu) u kienu mmultati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007, huma qed jużaw għodda antisussidji bħala mezz biex jirkupraw it-telf li għamlu b'multi għall-kartell u telf fis-sehem mis-suq fl-Unjoni. Barra minn hekk, jekk l-aċċess għas-suq tal-Unjoni kellu jiġu ristrett permezz ta' dazji antisussidji, se jkun hemm inċentivi aktar b'saħħithom għall-produtturi tal-Unjoni biex jidħlu f'kartell jew f'imġiba antikompetittiva oħra fir-rigward ta' prodotti b'kapaċitajiet ta' ingranaġġ b'volum baxx fl-Unjoni bħal prodotti għad-dar.

(337) Dawn l-argumenti ma għandhomx jintlaqgħu. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tosserva li l-kartell waqaf jaħdem fl-2007. Għaldaqstant, l-effetti tal-kartell fl-imgħoddi ma kellhom l-ebda impatt fuq l-industrija matul il-perjodu kkunsidrat. It-tieni, l-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma kien jagħmel parti minn kartell u l-ebda wieħed mill-produtturi attwali tal-Unjoni ma kellu l-ogħla volum ta' bejgħ. It-tielet, l-impożizzjoni possibbli tad-dazji antisussidji mhijiex mistennija li jkollha impatt fuq l-imġiba kompetittiva tal-industrija tal-Unjoni billi, min-naħa l-waħda, mhux se tibdel l-istruttura tas-suq tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-kumpaniji għandhom dmir ġenerali li jirrispettaw ir-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, irrispettivament minn jekk jiġux imposti dazji jew le.

(338) Importatur argumenta wkoll li l-impożizzjoni tad-dazji jkollha impatt negattiv fuq is-suq tal-Unjoni tal-kisi antirifless ta' ħġieġ solari. Dan is-suq, identifikat mill-importatur bħala suq relatat, huwa allegatament iddominat mill-produtturi tal-Unjoni u l-impożizzjoni ta' miżuri ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom għad-detriment ta' fornituri kompetituri ta' kisi antirifless. Barra minn hekk, ġie ddikjarat li l-importaturi sabu diffikultajiet biex jiksbu ordnijiet mingħand il-produtturi tal-Unjoni jew li dawn l-ordnijiet jaslulhom f'perjodu ta' żmien raġonevoli u bi prezzijiet raġonevoli.

(339) L-ewwel nett, is-suq tal-kisi antirifless huwa parti mill-investigazzjoni u mhux suq relatat. L-investigazzjoni wriet li tabilħaqq il-produtturi tal-Unjoni matul il-PI xorta baqgħu kompetittivi f'dan is-suq niċċa minkejja l-prezzijiet relattivament ogħla li jieħdu peress li s-suq iqis il-prodotti miksija tagħhom bħala li għandhom vantaġġ ta' kwalità. Madankollu ma ngħatat l-ebda evidenza li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx se tkun kapaċi tissodisfa d-domanda ta' żieda possibbli ta' ħġieġ solari miksi antirifless. Għaldaqstant l-argument ma għandux jintlaqa'.

(340) Fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-produtturi tal-Unjoni rrifjutaw li jipprovdu ordnijiet jew li jwasslu fil-ħin bi prezzijiet raġonevoli, huwa totalment f'idejn kull produttur li jagħżel l-istrateġija kummerċjali tiegħu sal-punt li t-tali produttur jew produtturi individwali ma jgawdux dominanza unika jew konġunta fis-suq relevanti. Hemm biżżejjed kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni biex il-fornituri jinbidlu u/jew jiddiversifikaw. Għaldaqstant dan l-argument lanqas ma għandu jintlaqa'.

6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(341) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li, fuq il-bażi ta' apprezzament tal-interessi kollha varji meħuda kumplessivament, l-interess tal-industrija tal-Unjoni jsejjaħ għall-impożizzjoni ta' miżuri definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-RPĊ.

G. **MIŻURI KOMPENSATORJI**

(342) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tas-sussidju, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri kompensatorji definittivi sabiex jiġi evitat iktar dannu kkaġunat lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati.

1. **Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(343) Għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell ta' dawn il-miżuri, ittieħdu inkunsiderazzjoni l-marġnijiet ta' sussidju li nstabu u l-ammont ta' dazju neċessarju biex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni, bla ma jinqabżu l-marġnijiet tas-sussidju li nstabu.

(344) Meta ġie kkalkolat l-ammont tad-dazju neċessarju biex jitneħħew l-effetti tas-sussidju dannuż, tqies li kull miżura għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni li tkopri l-kostijiet ta' produzzjoni tagħha u li tagħmel profitt qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn din l-industrija f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati, fuq bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(345) Marġni ta' qligħ ta' 8,3 % ta' fatturat jitqies bħala minimu xieraq li l-industrija tal-Unjoni setgħet stenniet li takkwista fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati dannużi. Dan il-marġni ta' profitt huwa bbażat fuq il-profitt medju miksub mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fl-2010 meta l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu għadhom żgħar u għalhekk ma setgħux diġà jservu ta' distorsjoni għall-kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(346) Fuq din il-bażi, ġie kkalkulat prezz mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili. Il-prezz mhux dannuż inkiseb billi ġie miżjud il-marġni ta' profitt ta' 8 % imsemmi hawn fuq, mal-kost tal-produzzjoni matul il-PI tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(347) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz imbagħad ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz tal-importazzjoni medju peżat tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ fil-kampjun li kkooperaw, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, aġġustat kif meħtieġ għall-kostijiet tal-importazzjoni u d-dazji doganali, mal-prezz medju peżat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-PI. Kull differenza li rriżultat minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju peżat tal-importazzjoni.

(348) Wara l-iżvelar, waħda mill-partijiet ikkontestat il-marġni ta' profitt użat bħala l-mira tal-profitt. Hija argumentat li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi l-oħra kollha li affettwaw il-profitabbiltà fil-PI. Hija stqarret li l-mira ta' profitt raġonevoli ma setgħetx tkun ogħla minn 5 %.

(349) Il-Kummissjoni ma laqgħetx din il-pretensjoni għar-raġunijiet li ġejjin. Il-profitt fil-mira użat mhuwiex ibbażat fuq stima iżda fuq profitt attwali miksub mill-industrija tal-Unjoni qabel it-tfixkil tal-kompetizzjoni kkawżat minn importazzjonijiet sussidjati Ċiniżi. Il-Kummissjoni tikkunsidra dan bħala profitt raġonevoli, u qieset ukoll li s-sitwazzjoni fis-suq ma kinitx differenti b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-PI, mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-impatt

tal-importazzjonijiet sussidjati Ċiniżi. Id-dikjarazzjoni tal-parti f'dan ir-rigward li l-konsum fl-2010 kien wisq ogħla minn dak fl-2012 hija fattwalment inkorretta. Kif indikat fit-Taqsima E.2.3 hawn fuq, il-konsum fl-2010 kien f'livell simili għal dak tal-2012. Barra minn hekk, fl-2010, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tibni l-kapaċità fid-dawl taż-żieda qawwija mistennija fid-domanda, li affettwat b'mod negattiv il-profitt tagħha f'dik is-sena. Fl-aħħar nett, il-mira proposta ta' profitt ta' 5 % hija waħda arbitrarja peress li ma hi bbażata fuq l-ebda dejta jew kalkoli attwali u għalhekk ma ntlaqgħetx.

2. **Miżuri**

(350) Fid-dawl ta' dak li ntqal, u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-RPĊ fil-livell ta' marġni aktar baxxi tas-sussidju jew tad-dannu, skont ir-regola ta' dazju anqas. F'dan il-każ, ir-rata tad-dazju għandha tiġi stabbilita kif xieraq fil-livell tal-marġnijiet ta' sussidju li nstabu.

(351) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, id-dazju għall-"kumpaniji l-oħra kollha" ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla dazju li għandu jiġi impost fuq il-kumpaniji fil-kampjun jew fuq dawk li kkooperaw fl-investigazzjoni. Id-dazju għall-"kumpaniji l-oħra kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji li ma kinux ikkooperaw fl-investigazzjoni.

(352) Għall-kumpaniji Ċiniżi mhux fil-kampjun li kkooperaw u li huma elenkati fl-Anness, ir-rata ta' dazju definittiva hija stabbilita bil-medja ponderata tar-rati tal-kumpaniji fil-kampjun.

(353) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati li bihom se jiġu imposti dawn id-dazji huma stabbiliti kif ġej:

Isem il-Kumpanija	Marġni ta' sussidju	Marġni ta' dannu	Dazju kompensa-torju
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	3,2 %	39,3 %	3,2 %
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	17,1 %	26,2 %	17,1 %
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	12,8 %	42,1 %	12,8 %
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	16,7 %	17,1 %	16,7 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness I	12,4 %	33,2 %	12,4 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	17,1 %	42,1 %	17,1 %

(354) Il-miżuri kumpensatorji ta' hawn fuq huma stabbiliti fil-forma ta' dazji *ad valorem*, jiġifieri fi proporzjon mal-valur tal-importazzjoni.

(355) Ir-rati ta' dazju kompensatorju ta' kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji magħżula għall-kampjun, mal-medja tar-rati tad-dazju imposti fuqhom li qed jiġu applikati għall-kumpaniji li kkooperaw mhux magħżula għall-kampjun.

(356) B'hekk, dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiżi applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma applikabbli b'mod esklussiv għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u prodotti mill-kumpaniji u b'hekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati prodotti minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fl-Artikolu 1, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(357) Kull pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' rata tad-dazju kumpensatorju ta' kumpanija individwali (pereżempju wara tibdil f'isem l-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni minnufih bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kull tibdil fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u mal-esportazzjoni assoċjat pereżempju, mat-tibdil tal-isem jew dak it-tibdil fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament għandu wara jiġi emendat skont dan bl-aġġornament tal-lista tal-kumpaniji li jkunu qegħdin jibbenefikaw mir-rati tad-dazju individwali.

(358) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju kompensatorju, il-livell ta' dazju residwu ma għandux japplika biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx iżda anki għal dawk il-produtturi li ma kellhom l-ebda esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-PI, ħlief jekk ikunu ikkooperaw fl-investigazzjoni.

(359) Wara l-iżvelar, l-ilmentatur argumenta li d-dazji ta' antidumping u kompensatorji *ad valorem* ma kinux effettivi u talab lill-Kummissjoni timponi miżuri fil-forma ta' prezz minimu ta' importazzjoni (PMI). Barra minn hekk, bosta utenti proponew ukoll PMI. Ir-raġunijiet ippreżentati mill-partijiet u r-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni ma laqgħetx dawn it-talbiet huma stipulati fil-premessi minn 144 sa 168 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) No 470/2014 ([1]) (ir-Regolament antidumping definittiv).

(360) Wara l-iżvelar, it-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun kif ukoll Henan Yuhua offrew impenji ta' prezzijiet fil-forma ta' PMI. Il-Kummissjoni ma laqgħetx l-impenji proposti għar-raġunijiet li jinsabu fil-premessi minn 172 sa 179 tar-Regolament antidumping definittiv.

(361) Il-miżuri li għalihom hemm provvediment f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari magħmul minn ħġieġ ċatt ittemprat bil-ġir tas-soda, b'kontenut tal-ħadid ta' anqas minn 300 ppm, trażmittanza solari ta' aktar minn 88 % (mkejla skont l-AM1,5 300-2 500 nm), reżistenza għas-shana sa 250 °C (mkejla skont l-EN 12150), reżistenza għal xokkijiet termali ta' Δ 150 K (imkejla skont l-EN 12150) u li jkollu saħħa mekkanika ta' 90 N/mm^2 jew aktar (mkejla skont l-EN 1288-3), li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7007 19 80 u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Il-ħġieġ solari miksi (miski min-naħa waħda jew miż-żewġ naħat) jaqa' taħt il-kodiċi TARIC 7007 19 80 19 u l-ħġieġ solari mhux miksi jaqa' taħt il-kodiċi TARIC 7007 19 80 11.

2. Ir-rati tad-dazju kompensatorju applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati fit-tabella, jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kompensatorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Xinyi PV Products (Anhui) Holdings Ltd	3,2 %	B943
Zhejiang Hehe Photovoltaic Glass Technology Co., Ltd	17,1 %	B944
Zhejiang Jiafu Glass Co., Ltd; Flat Solar Glass Group Co., Ltd; Shanghai Flat Glass Co., Ltd	12,8 %	B945
Henan Yuhua New Material Co., Ltd	16,7 %	B946
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness I	12,4 %	
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	17,1 %	B999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju kompensatorju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 tkun kundizzjonali mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Jekk din il-fattura ma tiġix ippreżentata japplika d-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Fejn kull produttur esportatur ġdid fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:

— ma jkunx esporta lejn l-Unjoni l-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012),

— huwa mhux relatat mal-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li huma soġġetti għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament,

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 470/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ħġieġ solari li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

— huwa jkun effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni,

l-artikolu 1(2) jista' jiġi emendat billi jiżdied il-produttur esportatur ġdid mal-kumpaniji li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun u għaldaqstant suġġetti għar-rata ta' dazju medja ponderata ta' 12,4 %.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Avic Sanxin Sol-Glass Co. Ltd and Avic (Hainan) Special Glass Material Co., Ltd	B949
Wuxi Haida Safety Glass Co., Ltd	B950
Dongguan CSG Solar Glass Co., Ltd	B951
Pilkington Solar Taicang Limited	B952
Novatech Glass Co., Ltd	B954

ANNESS II

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) għandha tinħareġ u turi dan li ġej:

1. L-isem u l-kariga tal-uffiċjal tal-entità li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
2. Id-dikjarazzjoni li ġejja:

   "Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li (l-erja f'm^2) ta' ħġieġ solari mibjugħ għall-esportazzjoni fil-Komunità Ewropea u li hu kopert b'din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."
3. L-isem u l-firma tal-uffiċjal tal-entità li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.